# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 138

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

19 ta’ April 2021

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2021/C 138/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2021/C 138/02 Kawża C-95/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – L-Italja) – Agenzia delle Dogane vs Silcompa SpA (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 76/308/KEE – Artikoli 6 u 8 kif ukoll 12(1) sa (3) – Assistenza reċiproka fil-qasam tal-irkupru ta’ ċerti djun – Dazju tas-sisa eżiġibbli f’żewġ Stati Membri għall-istess tranżazzjonijiet – Direttiva 92/12/KE – Artikoli 6 u 20 – Rilaxx fis-suq ta’ prodotti – Falsifikazzjoni tad-dokument amministrattiv mehmuż – Ksur jew irregolarità mwettqa waqt iċ-ċaqliq ta’ prodotti suġġetti għal dazju tas-sisa taħt arranġament ta’ sospensjoni – Ħruġ irregolari ta’ prodotti minn arranġament ta’ sospensjoni – “Irduppjar tad-dejn fiskali” dwar id-dazji tas-sisa – Stħarriġ imwettaq mill-qrati tal-Istat Membru fejn tinsab l-awtorità mitluba – Rifjut tat-talba għal assistenza ppreżentata mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru ieħor – Kundizzjonijiet) . . . 2

2021/C 138/03 Kawża C-389/19 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Isvezja, Ir-Renju tad-Danimarka, Ir-Repubblika tal-Finlandja, Il-Parlament Ewropew, L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (Appell – Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Reġistrazzjoni, evalwazzjoni u awtorizzazzjoni tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll restrizzjonijiet applikabbli għal dawn is-sustanzi – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tawtorizza ċerti użi tas-sulfokromat taċ-ċomb isfar u tas-sulfat tal-molibdat tal-kromat taċ-ċomb aħmar, sustanzi mniżżla fl-Anness XIV tal-imsemmi regolament – Sustanzi ta’ tħassib serju ħafna – Kundizzjonijiet ta’ awtorizzazzjoni – Eżami tan-nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ alternattivi) . . . 3

MT

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 138/04 | Kawża C-403/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d’État – Franza) – Société Générale SA vs Ministre de l’Action et des Comptes publics (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Taxxi fuq il-kumpanniji – Ftehim bilaterali għall-prevenzjoni ta’ taxxa doppja – Taxxa ta’ dividendi ddistribwiti minn kumpannija mhux residenti diġà suġġetta għal taxxa fi Stat Membru ieħor – Limitu massimu ta’ kreditu ta’ taxxa allokat – Taxxa doppja legali) | 4 |
| 2021/C 138/05 | Kawża C-604/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu – il-Polonja) – Gmina Wrocław vs Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 2(1)(a) – Artikolu 9(1) – Artikolu 13(1) – Artikolu 14(1) u 2(a) – Kunċett ta’ “kunsinna ta’ oġġetti” – Konverżjoni mid-dritt ta’ użufrutt perpetwu fuq proprjetà immobbli għal dritt sħiħ għall-proprjetà b’effett tal-liġi – Komun li jiġbor it-tariffi fir-rigward tal-konverżjoni – Kunċett ta’ “kumpens” – Kunċett ta’ “persuna taxxabbli li taġixxi inkwantu tali” – Eċċezzjoni – Organi rregolati mid-dritt pubbliku li jwettqu attivitajiet jew tranżazzjonijiet inkwantu awtoritajiet pubbliċi) | 4 |
| 2021/C 138/06 | Kawża C-615/19 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 – John Dalli vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Rikors għal kumpens – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea – Aġir allegatament illegali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) – Tmiem tal-funzjonijiet ta’ Membru tal-Kummissjoni – Regoli proċedurali li jirregolaw l-investigazzjoni tal-OLAF – Ftuħ ta’ investigazzjoni – Dritt għal smigħ – Kumitat ta’ Sorveljanza tal-OLAF – Preżunzjoni ta’ innoċenza – Evalwazzjoni tad-dannu allegat) | 5 |
| 2021/C 138/07 | Kawża C-658/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta’ Spanja (Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Direttiva (UE) 2016/680 – Ipproċessar ta’ data personali – Prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali – Assenza ta’ traspożizzjoni u ta’ komunikazzjoni tal-miżuri ta’ traspożizzjoni – Artikolu 260(3) TFUE – Talba għall-kundanna ta’ ħlas ta’ somma f’daqqa u ta’ pagamenti ta’ penalità) | 6 |
| 2021/C 138/08 | Kawża C-673/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi Baxxi) – M, A, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid, T (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ażil u immigrazzjoni – Direttiva 2008/115/KE – Artikoli 3, 4, 6 u 15 – Refuġjat li jkun qiegħed fit-territorju ta’ Stat Membru illegalment – Detenzjoni għal finijiet ta’ trasferiment lejn Stat Membru ieħor – Status ta’ refuġjat f’dan l-Istat Membru l-ieħor – Prinċipju ta’ non-refoulement – Assenza ta’ deċiżjoni ta’ ritorn – Applikabbiltà tad-Direttiva 2008/115) | 7 |
| 2021/C 138/09 | Kawża C-689/19 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 – VodafoneZiggo Group BV vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Netwerks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE – Konsolidazzjoni tas-suq intern għall-komunikazzjonijiet elettroniċi – Artikolu 7(3) u (7) – Abbozz ta’ miżura impoġġi fid-dispożizzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali – Suq tal-provvista bl-ingrossa ta’ aċċess f’pożizzjoni ddeterminata għall-Pajjiżi l-Baxxi – Saħħa konġunta sinjifikattiva fis-suq – Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea kkomunikati lill-awtorità regolatorja nazzjonali – Obbligu għall-awtorità regolatorja nazzjonali li tieħu kont sħiħ tagħhom – Portata – Artikolu 263 TFUE – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Att li jista’ jiġi kkontestat – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) | 7 |
| 2021/C 138/10 | Kawża C-712/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Novo Banco SA vs Junta de Andalucía (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà ta’ stabbiliment – Moviment liberu tal-kapital – Tassazzjoni – Taxxa fuq id-depożiti ta’ klijenti miżmuma mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu – Tnaqqis fiskali mogħti biss lill-istituzzjonijiet li għandhom is-sede tagħhom jew aġenziji fit-territorju tal-Komunità Awtonoma ta’ Andalucía – Tnaqqis fiskali mogħti biss għall-investimenti relatati ma’ proġetti mwettqa f’din il-komunità awtonoma – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 401 – Projbizzjoni ta’ ġbir ta’ taxxi nazzjonali oħra li għandhom in-natura ta’ taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Kunċett ta’ “taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ” – Karatteristiċi essenzjali tal-VAT – Assenza) | 8 |
| 2021/C 138/11 | Kawża C-772/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof – l-Awstrija) – Bartosch Airport Supply Services GmbH vs Zollamt Wien (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Intestaturi tariffarji 8701 u 8705 – Interpretazzjoni – Irmonkatur tal-ajruplani) | 9 |

2021/C 138/12 Kawża C-804/19: 7Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesgericht Salzburg – l-Awstrija) – BU vs Markt24 GmbH (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta’ sentenzi f’materji ċivili u kummerċjali – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti individwali ta’ xogħol – Dispożizzjonijiet tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II – Applikabbiltà – Kuntratt konkluż fi Stat Membru għal impjieg ma’ kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor – Assenza ta’ provvista ta’ xogħol matul it-tul kollu tal-kuntratt – Esklużjoni tal-applikazzjoni ta’ regoli nazzjonali ta’ ġurisdizzjoni – Il-punt (i) tal-Artikolu 21(1)(b) – Kunċett ta’ “post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu” – Kuntratt ta’ xogħol – Post ta’ eżekuzzjoni tal-kuntratt – Obbligi tal-ħaddiem fir-rigward tal-persuna li timpjegah) . . . . . . 10

2021/C 138/13 Kawża C-857/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Najvyšší súd Slovenskej republiky – is-Slovakkja) Slovak Telekom a.s. vs Protimonopolný úrad Slovenskej republiky (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Artikolu 102 TFUE – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 11(6) – Astensjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni mill-ġurisdizzjoni tagħhom – Prinċipju ta’ ne bis in idem – Artikolu 50 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea) . 11

2021/C 138/14 Kawża C-940/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal- Conseil d’État – Franza) – Les Chirurgiens-Dentistes de France *et* vs Ministre des Solidarités et de la Santé, Ministre de l’Enseignement supérieur, de la Recherche et de l’Innovation, Premier ministre (Talba għal deċiżjoni preliminari – Rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali – Direttiva 2005/36/KE – Artikolu 4f(6) – Leġiżlazzjoni nazzjonali – Aċċess parzjali għal waħda mill – professjonijiet li jaqgħu taħt il – mekkaniżmu tar – rikonoxximent awtomatiku tal – kwalifiki professjonali) . . . . . . 12

2021/C 138/15 Kawża C-129/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg – il-Lussemburgu) – XI vs Caisse pour l’avenir des enfants (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2010/18/UE – Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave parentali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti tad-dritt għal leave parentali għal kundizzjoni ta’ okkupazzjoni ta’ impjieg u għall-affiljazzjoni obbligatorja f’din il-kwalità tal-ħaddiem fl-iskema ta’ sigurtà soċjali kkonċernata fid-data tat-twelid tal-wild) . . . . . . 12

2021/C 138/16 Kawża C-108/19: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-14 ta’ Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – Ir-Rumanija) – Krakvet sp. z o.o. sp.k. vs Direcţia Generală Regională a Finanţelor Publice Bucureşti, Administraţia Fiscală pentru Contribuabili Nerezidenţi (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 33 – Determinazzjoni tal-post tat-tranżazzjonijiet taxxabbli – Kunsinna ta’ oġġetti bit-trasport – Kunsinna ta’ oġġetti mibgħuta jew ittrasportati mill-fornitur jew għan-nom tiegħu – Bejgħ permezz ta’ sit internet – Kuntratt ta’ trasport tal-oġġetti konkluż mix-xerrej ma’ kumpannija ssuġġerita mill-fornitur) 13

2021/C 138/17 Kawża C-706/19 P: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tal-20 ta’ Jannar 2021 – CCPL – Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox group SpA, Coopbox Eastern s.r.o. vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-ippakkjar tal-ikel intiż għall-bejgħ bl-imnut – Appell dirett kontra motivi – Appell manifestament inammissibbli) . . . . . . 14

2021/C 138/18 Kawża C-769/19: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-14 ta’ Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsializiran Nakazatelen sad – il-Bulgarija) – Proċeduri kriminali kontra UC u TD (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Direttiva 2012/13/UE – Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali – Artikolu 6 – Dritt tas-suspettati jew tal-persuni akkużati li jkunu informati bid-drittijiet tagħhom – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Trattament ta’ kawża fi żmien raġjonevoli – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-għeluq tal-proċedura ġudizzjarja fil-każ ta’ difett proċedurali fl-att ta’ akkuża kkonstatat mill-qorti – Rinviju tal-kawża quddiem il-prosekutur għall-finijiet tat-tfassil ta’ att ta’ akkuża ġdid – Ammissibbiltà) . . . . . . 14

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 138/19 | Kawża C-892/19 P: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-14 ta' Jannar 2021 Camelia Manéa vs Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Servizz pubbliku – Membru tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt – Irtirar tad-deċiżjoni u adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida ta' nuqqas ta' tiġdid li tidħol fis-seħħ fid-data tal-ewwel deċiżjoni – Rikors għal annullament u għad-danni – Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat) | 15 |
| 2021/C 138/20 | Kawża C-105/20: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail de Nivelles – Il-Belġju) – UF vs Partena, Assurances sociales pour travailleurs indépendants ASBL, Institut national d'assurances sociales pour travailleurs indépendants (Inasti), Union Nationale des Mutualités Libres (Partenamut) (UNMLibres) (Rinviju preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Deċiżjoni ta' rinviju – Assenza ta' speċifikazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità ta' risposta għad-domandi preliminari għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali – Inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari) | 16 |
| 2021/C 138/21 | Kawża C-455/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Bulgarija) fit-23 ta' Settembru 2020 – Ts.M.Ts. u T.M.M. | 16 |
| 2021/C 138/22 | Kawża C-676/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Aragón (Spanja) fil-11 ta' Diċembru 2020 – ASADE – Asociación Estatal de Entidades de Servicios de Atención a Domicilio vs Consejería de Sanidad de la Diputación General de Aragón | 16 |
| 2021/C 138/23 | Kawża C-3/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (L-Irlanda) fl-4 ta' Jannar 2021 – FS vs Chief Appeals Officer, Social Welfare Appeals Office, Minister for Employment Affairs, Minister for Social Protection | 18 |
| 2021/C 138/24 | Kawża C-22/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda) fl-14 ta' Jannar 2021 – SRS, AA vs Minister for Justice and Equality | 18 |
| 2021/C 138/25 | Kawża C-71/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Bulgarija) fl-4 ta' Frar 2021 – Proċeduri kriminali kontra KT | 19 |
| 2021/C 138/26 | Kawża C-72/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Latvja) fl-4 ta' Frar 2021 – SIA "PRODEX" vs Valsts ieņēmumu dienests | 20 |
| 2021/C 138/27 | Kawża C-78/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Latvja) fl-1 ta' Frar 2021 – AS "PrivatBank", A, B, Unimain Holdings Limited vs Finanšu un kapitāla tirgus komisija | 20 |
| 2021/C 138/28 | Kawża C-92/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal du travail de Liège (il-Belġju) fil-15 ta' Frar 2021 – VW vs Agence fédérale pour l'Accueil des demandeurs d'asile (Fedasil) | 21 |
| 2021/C 138/29 | Kawża C-96/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Bremen (il-Ġermanja) fis-16 ta' Frar 2021 – DM vs CTS Eventim AG & Co. KGaA | 22 |
| 2021/C 138/30 | Kawża C-121/21: Rikors ippreżentat fis-26 ta' Frar 2021 – Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Polonja | 23 |
| 2021/C 138/31 | Kawża C-156/21: Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2021 – L-Ungerija vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea | 24 |
| 2021/C 138/32 | Kawża C-157/21: Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2021 – Ir-Repubblika tal-Polonja vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea | 26 |
| 2021/C 138/33 | Kawża C-761/19: Digriet tal-President tal-Ħames Awla tal-11 ta' Jannar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija | 28 |
| 2021/C 138/34 | Kawża C-865/19: Digriet tal-President tas-Sitt Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal d'instance de Rennes – Franza) – Caisse de Crédit Mutuel Le Mans Pontlieue vs OG | 28 |

2021/C 138/35 Kawża C-38/20: Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Novembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Andalucía, Ceuta y Melilla – Spanja) – ZP vs Delegación del Gobierno en Melilla . . . 28

2021/C 138/36 Kawża C-227/20: Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Jannar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana . . . 29

2021/C 138/37 Kawża C-335/20: Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail du Brabant wallon – Il-Belġju) PR vs Agence fédérale pour l'Accueil des demandeurs d'asile (Fedasil) . . . 29

2021/C 138/38 Kawża C-407/20: Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Wien – L-Awstrija) – Österreichische Apothekerkammer vs HA . . . 29

2021/C 138/39 Kawża C-512/20: Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Noord-Holland – Il-Pajjiżi l-Baxxi) – P vs Swiss International Air Lines AG . . . 29

**Il-Qorti Ġenerali**

2021/C 138/40 Kawża T-238/20: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni ("Għajnuna mill-Istat – Suq tat-trasport bl-ajru fl-Isvezja, mill-Isvezja u lejn l-Isvezja – Garanziji għal self intiżi sabiex isostnu l-kumpanniji tal-ajru fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Qafas temporanju tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat – Miżura intiża sabiex tirrimedja disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Ugwaljanza fit-trattament – Proporzjonalità – Kriterju taż-żamma ta' liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet Svediżi – Assenza ta' bbilanċjar tal-effetti benefiċi tal-għajnuna mal-effetti negattivi tagħha fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u fuq iż-żamma ta' kompetizzjoni mhux distorta – Artikolu 107(3)(b) TFUE – Ratio legis – Obbligu ta' motivazzjoni") . . . 30

2021/C 138/41 Kawża T-259/20: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni ("Għajnuna mill-Istat – Suq Franċiż tat-trasport bl-ajru – Moratorju fuq il-ħlas tat-taxxa tal-avjazzjoni ċivili u tat-taxxa ta' solidarjetà fuq il-biljetti tal-ajru dovuti fuq bażi mensili matul il-perijodu bejn Marzu u Diċembru 2020 fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Għajnuna intiża biex tirrimedja għad-danni kkawżati minn avveniment straordinarju – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Ugwaljanza fit-trattament – Kriterju taż-żamma ta' liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet Franċiżi – Proporzjonalità – Artikolu 107(2)(b) TFUE – Obbligu ta' motivazzjoni") . 31

2021/C 138/42 Kawża T-19/20: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2021 – sprd.net vs EUIPO – Shirtlabor (I love) ("Rikors għal annullament – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva I love – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Trade mark ikkostitwita minn slogan ta' reklamar – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001 – Inapplikabbiltà tal-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625 – Ammissibbiltà ta' provi – Artikolu 97(1) tar-Regolament 2017/1001 – Imparzjalità – Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001 – Rikors manifestament infondat fid-dritt") . . . 31

2021/C 138/43 Kawża T-92/20: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Frar 2021 – Fryč vs Il-Kummissjoni ("Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Għajnuna mill-Istat – Regolamenti ta' eżenzjoni skont il-kategorija – Programm ta' għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Ċeki favur ċerti impriżi – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-imsemmi programm – Rikors għal annullament miċħud bħala tardiv – Dannu allegatament ikkawżat mill-atti tal-Kummissjoni u mill-qrati tal-Unjoni – Preskrizzjoni – Rikors parzjalment manifestament inammissibbli – Rabta kawżali – Rikors parzjalment manifestament infondat fid-dritt") . . . 32

2021/C 138/44 Kawża T-176/20: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Frar 2021 – Sam McKnight vs EUIPO – Carolina Herrera (COOL GIRL) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem tal-iskop tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") . . . 33

2021/C 138/45 Kawża T-230/20 R: Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Frar 2021 – PNB Banka vs BĊE ("Talba għal miżuri provviżorji – Politika ekonomika u monetarja – Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Missjonijiet speċifiċi ta' sorveljanza fdati lill-BĊE – Deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza") . . . 33

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 138/46 | Kawża T-748/20: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2020 – Il-Kummissjoni vs CEVA *et* | 34 |
| 2021/C 138/47 | Kawża T-53/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – EVH vs Il-Kummissjoni | 35 |
| 2021/C 138/48 | Kawża T-55/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – Stadtwerke Leipzig vs Il-Kummissjoni | 37 |
| 2021/C 138/49 | Kawża T-56/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – TEAG vs Il-Kummissjoni | 37 |
| 2021/C 138/50 | Kawża T-58/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – GWS Stadtwerke Hameln vs Il-Kummissjoni | 38 |
| 2021/C 138/51 | Kawża T-59/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – eins energie in sachsen vs Il-Kummissjoni | 38 |
| 2021/C 138/52 | Kawża T-60/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – Naturstrom vs Il-Kummissjoni | 39 |
| 2021/C 138/53 | Kawża T-61/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – EnergieVerbund Dresden vs Il-Kummissjoni | 40 |
| 2021/C 138/54 | Kawża T-62/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – GGEW vs Il-Kummissjoni | 40 |
| 2021/C 138/55 | Kawża T-63/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – Stadtwerke Frankfurt am Main vs Il-Kummissjoni | 41 |
| 2021/C 138/56 | Kawża T-64/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – Mainova vs Il-Kummissjoni | 42 |
| 2021/C 138/57 | Kawża T-65/21: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – enercity vs Il-Kummissjoni | 42 |
| 2021/C 138/58 | Kawża T-68/21: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2021 – QA vs Il-Kummissjoni | 43 |
| 2021/C 138/59 | Kawża T-73/21: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2021 – PIC CO vs EUIPO – Haribo Ricqles Zan (P.I.C Co.) | 44 |
| 2021/C 138/60 | Kawża T-77/21: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2021 – QC vs Il-Kummissjoni | 44 |
| 2021/C 138/61 | Kawża T-88/21: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Frar 2021 – Paesen vs SEAE | 45 |
| 2021/C 138/62 | Kawża T-93/21: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Frar 2021 – Creaticon vs EUIPO – Paul Hartmann (SK SKINTEGRA THE RARE MOLECULE) | 46 |
| 2021/C 138/63 | Kawża T-95/21: Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2021 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni | 47 |
| 2021/C 138/64 | Kawża T-99/21: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2021 – Construcciones Electromecanicas Sabero vs EUIPO – Magdalenas de las Heras (Heras Bareche) | 48 |
| 2021/C 138/65 | Kawża T-111/21: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni | 49 |
| 2021/C 138/66 | Kawża T-121/21: Rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2021 – Suez vs Il-Kummissjoni | 49 |
| 2021/C 138/67 | Kawża T-122/21: Rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2021 – QI vs Il-Kummissjoni | 50 |
| 2021/C 138/68 | Kawża T-124/21: Rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2021 – Mariani *et* vs Il-Parlament | 51 |
| 2021/C 138/69 | Kawża T-549/18: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2021 – Hexal vs EMA | 52 |
| 2021/C 138/70 | Kawża T-511/19: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2021 – Staciwa vs Il-Kummissjoni | 52 |
| 2021/C 138/71 | Kawża T-188/20: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2021 – Close u Cegelec vs Il-Parlament | 53 |
| 2021/C 138/72 | Kawża T-507/20: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2021 – Colombani vs SEAE | 53 |

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2021/C 138/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 128, 12.4.2021

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 110, 29.3.2021

ĠU C 98, 22.3.2021

ĠU C 88, 15.3.2021

ĠU C 79, 8.3.2021

ĠU C 72, 1.3.2021

ĠU C 62, 22.2.2021

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – L-Italja) – Agenzia delle Dogane vs Silcompa SpA**

**(Kawża C-95/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 76/308/KEE – Artikoli 6 u 8 kif ukoll 12(1) sa (3) – Assistenza reċiproka fil-qasam tal-irkupru ta' ċerti djun – Dazju tas-sisa eżiġibbli f'żewġ Stati Membri għall-istess tranżazzjonijiet – Direttiva 92/12/KE – Artikoli 6 u 20 – Rilaxx fis-suq ta' prodotti – Falsifikazzjoni tad-dokument amministrattiv mehmuż – Ksur jew irregolarità mwettqa waqt iċ-ċaqliq ta' prodotti suġġetti għal dazju tas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni – Ħruġ irregolari ta' prodotti minn arranġament ta' sospensjoni – "Irduppjar tad-dejn fiskali" dwar id-dazji tas-sisa – Sttarriġ imwettaq mill-qrati tal-Istat Membru fejn tinsab l-awtorità mitluba – Rifjut tat-talba għal assistenza ppreżentata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor – Kundizzjonijiet)***

(2021/C 138/02)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Agenzia delle Dogane

*Konvenut:* Silcompa SpA

**Dispożittiv**

L-Artikolu 12(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE tal-15 ta' Marzu 1976 dwar l-assistenza bejn xulxin għall-irkupru ta' pretensjonijiet relatati ma' ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2001/44/KE tal-15 ta' Ġunju 2001, moqri flimkien mal-Artikolu 20 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodott, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/108/KEE tal-14 ta' Diċembru 1992, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest ta' azzjoni għal kontestazzjoni li tirrigwarda l-miżuri ta' eżekuzzjoni meħuda fl-Istat Membru li fih tkun tinsab l-awtorità mitluba, l-istanza kompetenti ta' dan l-Istat Membru tista' tirrifjuta li tilqa' t-talba għall-irkupru tad-dazji tas-sisa, imressqa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, f'dak li jirrigwarda prodotti li ħarġu irregolarment minn arranġament ta' sospensjoni, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 92/12, kif emendata bid-Direttiva 92/108, peress li din it-talba hija bbażata fuq il-fatti li jirrigwardaw l-istess tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni li diġà huma s-suġġett ta' rkupru tad-dazji tas-sisa fl-Istat Membru li fih tkun tinsab l-awtorità mitluba.

[1] ĠU C 182, 27.5.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Frar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Isvezja, Ir-Renju tad-Danimarka, Ir-Repubblika tal-Finlandja, Il-Parlament Ewropew, L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

**(Kawża C-389/19 P)** [1]

***(Appell – Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Reġistrazzjoni, evalwazzjoni u awtorizzazzjoni tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll restrizzjonijiet applikabbli għal dawn is-sustanzi – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tawtorizza ċerti użi tas-sulfokromat taċ-ċomb isfar u tas-sulfat tal-molibdat tal-kromat taċ-ċomb aħmar, sustanzi mniżżla fl-Anness XIV tal-imsemmi regolament – Sustanzi ta' tħassib serju ħafna – Kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni – Eżami tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' alternattivi)***

(2021/C 138/03)

*Lingwa tal-kawża: L-Isvediż*

**Partijiet**

*Appellant:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn R. Lindenthal, K. Mifsud-Bonnici u G. Tolstoy, sussegwentement minn R. Lindenthal u K. Mifsud-Bonnici, aġenti, assistiti minn K. Nordlander, advokat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: inizjalment minn C. Meyer-Seitz, H. Shev, J. Lundberg, H. Eklinder u A. Falk, sussegwentement minn O. Simonsson, C. Meyer-Seitz, M. Salborn Hodgson, R. Shahsavan Eriksson, H. Shev u H. Eklinder, aġenti), Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: inizjalment minn J. Nymann-Lindegren, M. S. Wolff u P. Z. L. Ngo, sussegwentement minn J. Nymann-Lindegren u M. S. Wolff, aġenti), Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: S. Hartikainen, aġent), Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Neergaard, A. Tamás u C. Biz, aġenti), L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: inizjalment minn M. Heikkilä, W. Broere u C. Schultheiss, sussegwentement minn M. Heikkilä, W. Broere u J. Löfgren, aġenti)

**Dispożittiv**

1) Il-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Marzu 2019, l-Isvezja vs Il Kummissjoni (T-837/16, EU:T:2019:144), huwa annullat.

2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.

3) L-effetti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 5644 finali tas-7 ta' Settembru 2016 li tawtorizza għal ċerti użi s-sulfokromat taċ-ċomb isfar u s-sulfat tal-molibdat tal-kromat taċ-ċomb aħmar taħt ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma miżmuma sakemm il-Kummissjoni Ewropea tiddeċiedi mill-ġdid dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ppreżentata minn DCC Maastricht BV.

4) Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Finlandja, il-Parlament Ewropew u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedura ta' appell.

[1] ĠU C 246, 22.07.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Société Générale SA vs Ministre de l'Action et des Comptes publics**

**(Kawża C-403/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Taxxi fuq il-kumpanniji – Ftehim bilaterali għall-prevenzjoni ta' taxxa doppja – Taxxa ta' dividendi ddistribwiti minn kumpannija mhux residenti diġà suġġetta għal taxxa fi Stat Membru ieħor – Limitu massimu ta' kreditu ta' taxxa allokat – Taxxa doppja legali)***

(2021/C 138/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Société Générale SA

*Konvenut:* Ministre de l'Action et des Comptes publics

**Dispożittiv**

L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, fil-kuntest ta' sistema intiża sabiex tikkumpensa t-taxxa doppja ta' dividendi rċevuti minn kumpannija suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji ta' dan l-Istat Membru li fih hija stabbilita, li kienet is-suġġett ta' ġbir minn Stat Membru ieħor, tagħti lil tali kumpannija kreditu ta' taxxa limitat sal-ammont li dan l-ewwel Stat Membru kien jirċievi kieku dawn id-dividendi biss kienu suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji, mingħajr ma tikkumpensa fit-totalità għat-taxxa mħallsa f'dan l-Istat Membru l-ieħor.

(1) ĠU C 270, 12.08.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu – il-Polonja) – Gmina Wrocław vs Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej**

**(Kawża C-604/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 2(1)(a) – Artikolu 9(1) – Artikolu 13(1) – Artikolu 14(1) u 2(a) – Kunċett ta' "kunsinna ta' oġġetti" – Konverżjoni mid-dritt ta' użufrutt perpetwu fuq proprjetà immobbli għal dritt sħiħ għall-proprjetà b'effett tal-liġi – Komun li jiġbor it-tariffi fir-rigward tal-konverżjoni – Kunċett ta' "kumpens" – Kunċett ta' "persuna taxxabbli li taġixxi inkwantu tali" – Eċċezzjoni – Organi rregolati mid-dritt pubbliku li jwettqu attivitajiet jew tranżazzjonijiet inkwantu awtoritajiet pubbliċi)***

(2021/C 138/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Gmina Wrocław

*Konvenut:* Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konverżjoni mid-dritt ta' użufrutt perpetwu fuq proprjetà immobbli għal dritt sħiħ għall-proprjetà prevista minn leġiżlazzjoni nazzjonali permezz tal-ħlas ta' tariffa tikkostitwixxi kunsinna ta' oġġetti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

2) Id-Direttiva 2006/112 għandha tiġi interpretata fis-sens li, waqt il-konverżjoni mid-dritt ta' użufrutt perpetwu fuq proprjetà immobbli għal dritt sħiħ għall-proprjetà prevista minn leġiżlazzjoni nazzjonali permezz tal-ħlas ta' tariffa lill-komun proprjetarju tal-beni li jippermettilu li minnha jiġbor dħul ta' natura permanenti, dan il-komun, bla ħsara għal verifiki li l-qorti tar-rinviju għandha twettaq, jaġixxi fil-kwalità ta' persuna taxxabbli, fis-sens tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, u mhux inkwantu awtorità pubblika, fis-sens tal-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva.

(1) ĠU C 383, 11.11.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Frar 2021 – John Dalli vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-615/19 P)** (1)

***(Appell – Rikors għal kumpens – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea – Aġir allegatament illegali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) – Tmiem tal-funzjonijiet ta' Membru tal-Kummissjoni – Regoli proċedurali li jirregolaw l-investigazzjoni tal-OLAF – Ftuħ ta' investigazzjoni – Dritt għal smigħ – Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF – Preżunzjoni ta' innoċenza – Evalwazzjoni tad-dannu allegat)***

(2021/C 138/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* John Dalli (rappreżentanti: L. Levi u S. Rodrigues, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: J.-P. Keppenne u J. Baquero Cruz, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) John Dalli huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) ĠU C 328, 30.9.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Frar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-658/19)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Direttiva (UE) 2016/680 – Ipproċessar ta' data personali – Prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali – Assenza ta' traspożizzjoni u ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni – Artikolu 260(3) TFUE – Talba għall-kundanna ta' ħlas ta' somma f'daqqa u ta' pagamenti ta' penalità)***

(2021/C 138/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Nardi, G. von Rintelen u S. Pardo Quintillán, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: L. Aguilera Ruiz, aġent)

*Intervenjent insostenn tal-konvenut:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġenti)

**Dispożittiv**

1) Billi ma adottax, sal-iskadenza tat-terminu mogħti fl-opinjoni motivata, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI u, konsegwentement, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 63 ta' din id-direttiva.

2) Billi, sal-jum tal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma kienx adotta l-miżuri neċessarji sabiex jittrasponi fid-dritt intern tiegħu id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680 u lanqas, għaldaqstant, ma kkomunika lill-Kummissjoni Ewropea dawn il-miżuri, ir-Renju ta' Spanja ppersista fin-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tiegħu.

3) Fil-każ li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fil-punt 1 ikun għadu jippersisti fid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat iħallas lill-Kummissjoni Ewropea, b'effett minn dik id-data u sa meta dan l-Istat Membru jkun temm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat, pagamenti ta' penalità ta' EUR 89 000 kull jum.

4) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat iħallas lill-Kummissjoni Ewropea somma f'daqqa li tammonta għal EUR 15 000 000.

5) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

6) Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

([1]) ĠU C 357, 21.10.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi Baxxi) – M, A, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid, T**

**(Kawża C-673/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ażil u immigrazzjoni – Direttiva 2008/115/KE – Artikoli 3, 4, 6 u 15 – Refuġjat li jkun qiegħed fit-territorju ta’ Stat Membru illegalment – Detenzjoni għal finijiet ta’ trasferiment lejn Stat Membru ieħor – Status ta’ refuġjat f’dan l-Istat Membru l-ieħor – Prinċipju ta’ non-refoulement – Assenza ta’ deċiżjoni ta’ ritorn – Applikabbiltà tad-Direttiva 2008/115)***

(2021/C 138/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* M, A, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

*Konvenuti:* Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid, T

**Dispożittiv**

L-Artikoli 3, 4, 6 u 15 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux lil Stat Membru milli jżomm taħt detenzjoni amministrattiva ċittadin ta’ pajjiż terz, li jkun jirrisjedi illegalment fit-territorju tiegħu, sabiex jipproċedi bit-trasferiment forzat ta’ dan iċ-ċittadin lejn Stat Membru ieħor li fih l-imsemmi ċittadin għandu l-istatus ta’ refuġjat, meta dan l-istess ċittadin ikun irrifjuta li josserva l-ordni mogħtija lilu li jmur f’dan l-Istat Membru l-ieħor u meta l-adozzjoni ta’ deċiżjoni ta’ ritorn kontra tiegħu ma tkunx possibbli.

[1] ĠU C 423, 16.12.2019

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 – VodafoneZiggo Group BV vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-689/19 P)** [1]

***(Appell – Netwerks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE – Konsolidazzjoni tas-suq intern għall-komunikazzjonijiet elettroniċi – Artikolu 7(3) u (7) – Abbozz ta’ miżura impoġġi fid-dispożizzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali – Suq tal-provvista bl-ingrossa ta’ aċċess f’pożizzjoni ddeterminata għall-Pajjiżi l-Baxxi – Saħħa konġunta sinjifikattiva fis-suq – Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea kkomunikati lill-awtorità regolatorja nazzjonali – Obbligu għall-awtorità regolatorja nazzjonali li tieħu kont sħiħ tagħhom – Portata – Artikolu 263 TFUE – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Att li jista’ jiġi kkontestat – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea)***

(2021/C 138/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* VodafoneZiggo Group BV (rappreżentanti: W. Knibbeler, A. Pliego Selie u B.A. Verheijen, advocaten)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Nicolae u G. Braun, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) VodafoneZiggo Group BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 372, 4.11.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Novo Banco SA vs Junta de Andalucía**

**(Kawża C-712/19)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà ta’ stabbiliment – Moviment liberu tal-kapital – Tassazzjoni – Taxxa fuq id-depożiti ta’ klijenti miżmuma mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu – Tnaqqis fiskali mogħti biss lill-istituzzjonijiet li għandhom is-sede tagħhom jew aġenziji fit-territorju tal-Komunità Awtonoma ta’ Andalucía – Tnaqqis fiskali mogħti biss għall-investimenti relatati ma’ proġetti mwettqa f’din il-komunità awtonoma – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 401 – Projbizzjoni ta’ ġbir ta’ taxxi nazzjonali oħra li għandhom in-natura ta’ taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Kunċett ta’ “taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ” – Karatteristiċi essenzjali tal-VAT – Assenza)***

(2021/C 138/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Novo Banco SA

*Konvenut:* Junta de Andalucía

**Dispożittiv**

1) Il-libertà ta’ stabbiliment stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE għandha tiġi interpretata fis-sens li, fir-rigward ta’ tnaqqis applikat fuq l-ammont gross ta’ taxxa fuq id-depożiti mwettqa mill-klijenti ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu li għandhom is-sede ċentrali tagħhom jew aġenziji li jinsabu fit-territorju ta’ reġjun ta’ Stat Membru,

— tipprekludi tnaqqis ta’ EUR 200 000 applikat fuq l-ammont gross ta’ din it-taxxa favur istituzzjonijiet ta’ kreditu li s-sede tagħhom tinsab fit-territorju ta’ dan ir-reġjun;

— ma tipprekludix tnaqqis applikat fuq l-ammont gross tal-imsemmija taxxa, ta’ EUR 5 000 għal kull aġenzija stabbilita fit-territorju tal-imsemmi reġjun, fejn dan l-aħħar ammont jitla’ għal EUR 7 500 għal kull aġenzija li tinsab f’komun ta’ inqas minn 2 000 abitant, sakemm dan it-tnaqqis ma jwassalx, fil-fatt, għal diskriminazzjoni bbażata fuq il-post tas-sede tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu kkonċernati li ma hijiex iġġustifikata, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

L-Artikolu 63(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fir-rigward ta’ taxxa imposta fuq id-depożiti mwettqa mill-klijenti ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu li għandhom is-sede ċentrali tagħhom jew aġenziji li jinsabu fit-territorju ta’ reġjun ta’ Stat Membru, jipprekludi tnaqqis mill-ammont gross ta’ din it-taxxa ugwali għall-krediti, għas-self, u għall-investimenti intiżi għal proġetti mwettqa f’dan l-istess reġjun, sakemm dan it-tnaqqis ikollu għan ta’ natura purament ekonomika.

2) L-Artikolu 401 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi taxxa dovuta mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu minħabba ż-żamma ta’ depożiti ta’ klijenti, li l-bażi taxxabbli tagħhom tikkorrispondi għall-medja aritmetika tal-bilanċ trimestrali ta’ dawn id-depożiti u li ma tistax tiġi mgħoddija mill-persuna taxxabbli fuq terzi.

(1) ĠU C 423, 16.12.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof – l-Awstrija) – Bartosch Airport Supply Services GmbH vs Zollamt Wien**

**(Kawża C-772/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Intestaturi tariffarji 8701 u 8705 – Interpretazzjoni – Irmonkatur tal-ajruplani)***

(2021/C 138/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Bartosch Airport Supply Services GmbH

*Konvenut:* Zollamt Wien

**Dispożittiv**

In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta’ Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta’ Dwana, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 2016/1821 tas-6 ta’ Ottubru 2016, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-intestatura 8705 ta’ din in-nomenklatura ma tkoprix il-vetturi maħsuba sabiex jirmonkaw u jimbuttaw inġenji tal-ajru, imsejħa “rmonkaturi tal-ajruplani”, peress li dawn tal-aħħar jaqgħu taħt l-intestatura 8701 tal-imsemmija nomenklatura.

(1) ĠU C 27, 27.1.2020.

**7Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesgericht Salzburg – l-Awstrija) – BU vs Markt24 GmbH**

**(Kawża C-804/19)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti individwali ta' xogħol – Dispożizzjonijiet tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II – Applikabbiltà – Kuntratt konkluż fi Stat Membru għal impjieg ma' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor – Assenza ta' provvista ta' xogħol matul it-tul kollu tal-kuntratt – Esklużjoni tal-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali ta' ġurisdizzjoni – Il-punt (i) tal-Artikolu 21(1)(b) – Kunċett ta' "post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu" – Kuntratt ta' xogħol – Post ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt – Obbligi tal-ħaddiem fir-rigward tal-persuna li timpjegah)***

(2021/C 138/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landesgericht Salzburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* BU

*Konvenuta:* Markt24 GmbH

**Dispożittiv**

1) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, intitolata "Ġurisdizzjoni fuq kuntratti individwali ta' impjieg", għandhom jiġu interpretati fis-sens li japplikaw għal rikors ġudizzjarju ta' impjegat li għandu d-domiċilju tiegħu fi Stat Membru kontra l-persuna li timpjega li għandha d-domiċilju tagħha fi Stat Membru ieħor fil-każ fejn il-kuntratt ta' xogħol kien ġie nnegozjat u konkluż fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-impjegat u kien jipprevedi li l-post ta' eżekuzzjoni tax-xogħol kien jinsab fl-Istat Membru tal-persuna li timpjega, meta dan ix-xogħol ma twettaqx għal raġuni dovuta għal din il-persuna li timpjega.

2) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1215/2012 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali ta' ġurisdizzjoni fir-rigward ta' rikors bħal dak imsemmi fil-punt 1 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza, indipendentement minn jekk dawn ir-regoli jirriżultawx li huma iktar vantaġġużi għall-ħaddiem.

3) Il-punt (i) tal-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li rikors bħal dak imsemmi fil-punt 1 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza jista' jitressaq quddiem il-qorti tal-post fejn, jew li minnu, il-ħaddiem kellu, skont il-kuntratt ta' xogħol, iwettaq il-parti l-kbira tal-obbligi tiegħu fir-rigward tal-persuna li timpjegah, bla ħsara għall-punt 5 tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament.

([1]) ĠU C 45, 10.2.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Najvyšší súd Slovenskej republiky – is-Slovakkja) Slovak Telekom a.s. vs Protimonopolný úrad Slovenskej republiky**

**(Kawża C-857/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Artikolu 102 TFUE – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 11(6) – Astensjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni mill-ġurisdizzjoni tagħhom – Prinċipju ta’ ne bis in idem – Artikolu 50 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea)***

(2021/C 138/13)

*Lingwa tal-kawża: is-Slovakk*

**Qorti tar-rinviju**

Najvyšší súd Slovenskej republiky

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Slovak Telekom a.s.

*Konvenuta:* Protimonopolný úrad Slovenskej republiky

**Dispożittiv**

1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE], għandha tiġi interpretata fis-sens li l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jitilfu l-ġurisdizzjoni tagħhom li japplikaw l-Artikoli 101 u 102 TFUE meta l-Kummissjoni tiftaħ proċedura bil-għan li tadotta deċiżjoni li tikkonstata ksur ta’ dawn id-dispożizzjonijiet, sakemm dan l-att formali jirrigwarda l-istess ksur preżunt tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, imwettaq mill-istess impriża jew impriżi fl-istess suq jew swieq ta’ prodotti u fl-istess suq jew swieq ġeografiċi, matul l-istess perijodi, bħal dawk intiżi mill-proċeduri miftuħa minn qabel minn dawn l-awtoritajiet.

2) Il-prinċipju ta’ ne bis in idem, kif stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, bħall-abbuż minn pożizzjoni dominanti msemmi fl-Artikolu 102 TFUE, u jipprojbixxi li impriża tiġi kkundannata jew imħarrka għal darba oħra minħabba aġir antikompetittiv li abbażi tiegħu ġiet issanzjonata jew li fir-rigward tiegħu hija ġiet iddikjarata li ma hijiex responsabbli b’deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata. Min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju ma japplikax meta impriża titħarrek u tiġi ssanzjonata separatament u indipendentement minn awtorità tal-kompetizzjoni ta’ Stat Membru u mill-Kummissjoni Ewropea għal ksur tal-Artikolu 102 TFUE li jirrigwarda swieq ta’ prodotti jew swieq ġeografiċi distinti jew meta awtorità tal-kompetizzjoni ta’ Stat Membru tinħeles mill-ġurisdizzjoni tagħha skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003.

[1] ĠU C 36, 3.2.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal- Conseil d’État – Franza) – Les Chirurgiens-Dentistes de France *et* vs Ministre des Solidarités et de la Santé, Ministre de l’Enseignement supérieur, de la Recherche et de l’Innovation, Premier ministre**

**(Kawża C-940/19)** [1]

***(Talba għal deċiżjoni preliminari – Rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali – Direttiva 2005/36/KE – Artikolu 4f(6) – Leġiżlazzjoni nazzjonali – Aċċess parzjali għal waħda mill – professjonijiet li jaqgħu taħt il – mekkaniżmu tar – rikonoxximent awtomatiku tal – kwalifiki professjonali)***

(2021/C 138/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d’État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Les Chirurgiens-Dentistes de France, Confédération des Syndicats médicaux français, Fédération des Syndicats pharmaceutiques de France, Syndicat des Biologistes, Syndicat des laboratoires de biologie clinique, Syndicat des Médecins libéraux, Union dentaire, Conseil national de l’Ordre des Chirurgiens-Dentistes, Conseil national de l’Ordre des Masseurs-Kinésithérapeutes, Conseil national de l’Ordre des Infirmiers

*Konvenuti:* Ministre des Solidarités et de la Santé, Ministre de l’Enseignement supérieur, de la Recherche et de l’Innovation, Premier ministre

**Dispożittiv**

L-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali kif emendata bid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013, ma jipprekludix Stat Membru milli jipprovdi għal aċċess parzjali lil waħda mill-professjonijiet koperti mill-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali stabbilit mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu III, Kapitolu III ta’ dik id-direttiva kif emendata.

(1) ĠU C 77, 09.03.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta’ Frar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg – il-Lussemburgu) – XI vs Caisse pour l’avenir des enfants**

**(Kawża C-129/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2010/18/UE – Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave parentali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti tad-dritt għal leave parentali għal kundizzjoni ta’ okkupazzjoni ta’ impjieg u għall-affiljazzjoni obbligatorja f’din il-kwalità tal-ħaddiem fl-iskema ta’ sigurtà soċjali kkonċernata fid-data tat-twelid tal-wild)***

(2021/C 138/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* XI

*Konvenuta:* Caisse pour l'avenir des enfants

**Dispożittiv**

Il-Klawżoli 1.1, 1.2 u 2.1 kif ukoll il-Klawżola 3.1(b) tal-Ftehim Qafas fuq il-leave parentali (rivedut) tat-18 ta' Ġunju 2009 li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave [parentali] konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti ta' dritt għal leave parentali għall-okkupazzjoni mingħajr interruzzjoni mill-ġenitur ikkonċernat ta' impjieg matul perijodu ta' mill-inqas tnax-il xahar immedjatament qabel il-bidu tal-leave parentali. Għall-kuntrarju, dawn il-klawżoli jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti ta' dritt għal leave parentali għall-istatus ta' ħaddiem tal-ġenitur fil-mument tat-twelid jew tal-adozzjoni tal-wild tiegħu.

([1]) ĠU C 191, 08.06.2020.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-14 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – Ir-Rumanija) – Krakvet sp. z o.o. sp.k. vs Direcţia Generală Regională a Finanţelor Publice Bucureşti, Administraţia Fiscală pentru Contribuabili Nerezidenţi**

**(Kawża C-108/19)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 33 – Determinazzjoni tal-post tat-tranżazzjonijiet taxxabbli – Kunsinna ta' oġġetti bit-trasport – Kunsinna ta' oġġetti mibgħuta jew ittrasportati mill-fornitur jew għan-nom tiegħu – Bejgħ permezz ta' sit internet – Kuntratt ta' trasport tal-oġġetti konkluż mix-xerrej ma' kumpannija ssuġġerita mill-fornitur)***

(2021/C 138/16)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Krakvet sp. z o.o. sp.k.

*Konvenut:* Direcţia Generală Regională a Finanţelor Publice Bucureşti, Administraţia Fiscală pentru Contribuabili Nerezidenţi

**Dispożittiv**

L-Artikolu 33 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li, fir-rigward tal-oġġetti mibjugħa permezz ta' sit internet minn fornitur stabbilit fi Stat Membru lil xerrejja li jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor, meta għall-finijiet tat-trasport ta' dawn l-oġġetti, dawn ix-xerrejja, konformement mal-għażliet ta' spedizzjoni proposti minn dan il-fornitur, jagħżlu kumpannija rrakkomandata minn dan is-sit, u miegħu jikkonkludu kuntratt distint minn dak li jorbothom mal-imsemmi fornitur għax-xiri tal-imsemmija oġġetti, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu li huma ttrasportati "mill-fornitur jew għan-nom tiegħu", fis-sens ta' dan l-Artikolu 33, meta r-rwol tal-istess fornitur ikun predominanti f'dak li jirrigwarda l-inizjattiva kif ukoll l-organizzazzjoni tal-istadji essenzjali tat-trasport tal-istess oġġetti, liema ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-kawża prinċipali

([1]) ĠU C 172, 20.05.2019.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-20 ta' Jannar 2021 – CCPL – Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox group SpA, Coopbox Eastern s.r.o. vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-706/19 P)** [1]

***(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-ippakkjar tal-ikel intiż għall-bejgħ bl-imnut – Appell dirett kontra motivi – Appell manifestament inammissibbli)***

(2021/C 138/17)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellant:* CCPL – Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox group SpA, Coopbox Eastern s.r.o. (rappreżentanti: inizjalment minn S. Bariatti, E. Cucchiara u A. Cutrupi, avvocati, sussegwentement minn E. Cucchiara, avvocato)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn P. Rossi u T. Vecchi, sussegwentement minn P. Rossi, G. Conte u C. Sjödin, aġenti)

**Dispożittiv**

1. L-appell huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

2. CCPL – Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox group SpA u Coopbox Eastern s.r.o. huma kkundannati, minbarra għall-ispejjeż rispettivi tagħhom, għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) ĠU C 383, 11.11.2019.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-14 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsializiran Nakazatelen sad – il-Bulgarija) – Proċeduri kriminali kontra UC u TD**

**(Kawża C-769/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2012/13/UE – Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali – Artikolu 6 – Dritt tas-suspettati jew tal-persuni akkużati li jkunu informati bid-drittijiet tagħhom – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Trattament ta' kawża fi żmien raġonevoli – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-għeluq tal-proċedura ġudizzjarja fil-każ ta' difett proċedurali fl-att ta' akkuża kkonstatat mill-qorti – Rinviju tal-kawża quddiem il-prosekutur għall-finijiet tat-tfassil ta' att ta' akkuża ġdid – Ammissibbiltà)***

(2021/C 138/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Spetsializiran Nakazatelen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

UC u TD

*fil-preżenza tal-:*iSpetsializirana prokuratura

**Dispożittiv**

L-Artikolu 6(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, it-tieni paragrafu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u d-dritt għar-rispett tad-dinjità tal-bniedem għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, meta l-att ta' akkuża jkun irregolari (jiġifieri l-kontenut tiegħu ma jkunx ċar, ma jkunx komplet jew ikun kontradittorju), fl-ebda każ ma tippermetti li din l-irregolarità tiġi rrimedjata permezz ta' korrezzjoni mill-prosekutur fil-kuntest tas-seduta quddiem il-qorti li matulha tkun ġiet ikkonstatata din l-irregolarità, u minflok tobbliga lill-qorti sabiex f'kull każ twaqqaf il-proċedura ġudizzjarja u tibgħat il-każ lura quddiem il-prosekutur sabiex jitfassal att ta' akkuża ġdid.

(1) ĠU C 27, 27.01.2020.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-14 ta' Jannar 2021 Camelia Manéa vs Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea

**(Kawża C-892/19 P)** (1)

***(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Servizz pubbliku – Membru tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt – Irtirar tad-deċiżjoni u adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida ta' nuqqas ta' tiġdid li tidħol fis-seħħ fid-data tal-ewwel deċiżjoni – Rikors għal annullament u għad-danni – Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)***

(2021/C 138/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Camelia Manéa (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Garnier u J. Rikkert, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Dispożittiv**

1. L-appell huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat.

2. Camelia Manea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 161, 11.05.2020.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail de Nivelles – Il-Belġju) – UF vs Partena, Assurances sociales pour travailleurs indépendants ASBL, Institut national d'assurances sociales pour travailleurs indépendants (Inasti), Union Nationale des Mutualités Libres (Partenamut) (UNMLibres)**

**(Kawża C-105/20)** [1]

***(Rinviju preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Deċiżjoni ta' rinviju – Assenza ta' speċifikazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità ta' risposta għad-domandi preliminari għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali – Inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari)***

(2021/C 138/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal du travail de Nivelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* UF

*Konvenuti:* Partena, Assurances sociales pour travailleurs indépendants ASBL, Institut national d'assurances sociales pour travailleurs indépendants (Inasti), Union Nationale des Mutualités Libres (Partenamut) (UNMLibres)

**Dispożittiv**

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal du travail de Nivelles (Il-Belġju), b'deċiżjoni tat-3 ta' Frar 2020, huma manifestament inammissibbli.

(1) ĠU C 175, 25.05.2020

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Bulgarija) fit-23 ta' Settembru 2020 – Ts.M.Ts. u T.M.M.**

**(Kawża C-455/20)**

(2021/C 138/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Sofiyski rayonen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ts.M.Ts. u T.M.M.

Permezz ta' digriet tas-27 ta' Jannar 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ħassret il-kawża mir-reġistru.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Aragón (Spanja) fil-11 ta' Diċembru 2020 – ASADE – Asociación Estatal de Entidades de Servicios de Atención a Domicilio vs Consejería de Sanidad de la Diputación General de Aragón**

**(Kawża C-676/20)**

(2021/C 138/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Aragón

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* ASADE – Asociación Estatal de Entidades de Servicios de Atención a Domicilio

*Konvenut:* Consejería de Sanidad de la Diputación General de Aragón

**Domandi preliminari**

1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jidħlu fi ftehim ma' entitajiet privati mingħajr skop ta' lukru, mhux biss assoċjazzjonijiet ta' volontarjat, għall-provvista ta' kull tip ta' servizzi soċjali għall-persuni b'korrispettiv ta' rimbors tal-ispejjeż, mingħajr ma tiġi osservata l-proċedura prevista fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE [1] u jkun liema jkun il-valur stmat, sempliċement permezz tal-kwalifika minn qabel tal-imsemmija ammonti bħala mhux ta' natura kuntrattwali, huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 49 TFUE [2] u l-Artikoli 76 u 77 (b'rabta mal-Artikolu 74 u [mal-]Anness XIV) tad-Direttiva 2014/24?

2) Leġiżlazzjoni nazzjonali li, għall-provvista ta' servizzi ta' interess ġenerali ta' natura sanitarja jew soċjali, tippermetti li tiġi evitata l-proċedura ta' kuntratti pubbliċi permezz tal-użu tat-teknika tal-azzjoni miftiehma, b'mod li tiġi ssupplimentata jew issostitwita l-ġestjoni b'riżorsi proprji, mhux għal raġunijiet ta' konformità tat-teknika għall-provvista adegwata tas-servizz, iżda sabiex jintlaħqu għanijiet konkreti ta' politika soċjali li jaffettwaw il-modalità ta' provvista jew il-modalità li għandha tiġi ssodisfata mill-persuna responsabbli mill-provvista sabiex din tiġi magħżula, u dan anki meta jibqgħu fis-seħħ il-prinċipji ta' pubbliċità, ta' kompetenza u ta' trasparenza, hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 49 TFUE u l-Artikoli 76 u 77 (b'rabta mal-Artikolu 74 u [mal-]Anness XIV tad-Direttiva 2014/24?

3) Jekk dan ikun il-każ, il fatt li din it-teknika ta' intervent tiġi rriżervata biss u esklużivament għal entitajiet mingħajr skop ta' lukru, mhux biss għal assoċjazzjonijiet ta' volontarjat, huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet diġà ċċitati u, barra minn hekk, mal-Artikolu 15(2)(b) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern [3], anki meta jiġi osservat il-prinċipju ta' trasparenza u ta' pubbliċità?

4) Fir-rigward tal-Artikolu 15(2)(b) tad-Direttiva dwar is-servizzi [2006/123], l-għoti lill-awtoritajiet kontraenti tas-setgħa diskrezzjonali li jirrikorru għall-azzjoni miftiehma sabiex jafdaw il-ġestjoni ta' servizzi ta' natura soċjali u sanitarja lil entitajiet mingħajr skop ta' lukru għandu jiġi interpretat bħala li huwa ekwivalenti għall-issuġġettar tal-aċċess għal dawn is-servizzi skont il-forma ġuridika? Fil-każ li r-risposta għad-domanda preċedenti tkun fl-affermattiv, hija valida, b'riferiment għall-Artikolu 15(7) tad-Direttiva dwar is-servizzi, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni li fir-rigward tagħha l-Istat ma nnotifikax lill-Kummissjoni dwar l-inklużjoni tar-rekwiżit dwar il-forma ġuridika?

5) Fil-każ fejn ir-risposti għad-domandi preċedenti jkunu fl-affermattiv, l-Artikoli 49 u 56TFUE, l-Artikoli 76 u 77 (b'rabta mal-Artikolu 74 u [mal-]Anness XIV) tad-Direttiva 20014/24 u l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2006/123, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti, għal skopijiet ta' għażla ta' entità mingħajr skop ta' ukru (mhux biss lil assoċjazzjonijiet ta' volontarjat) li magħha tiġi miftiehma l-provvista ta' kull tip ta' servizzi soċjali lill-persuni, minbarra dawk iddikjarati fl-Artikolu 2(2)(j) tal-imsemmija direttiva, li fost il-kriterji ta' għażla jiġi inkluż l-*istabbiliment fil-lokalità jew zona ġeografika li fiha jkun ser jiġi pprovdut is-servizz*?

[1] ĠU 2014 L 94, p. 65 u r-rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68.
[2] ĠU 2012 C 326, p. 47.
[3] ĠU 2006, L 376, p. 36.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (L-Irlanda) fl-4 ta' Jannar 2021 – FS vs Chief Appeals Officer, Social Welfare Appeals Office, Minister for Employment Affairs, Minister for Social Protection**

**(Kawża C-3/21)**

(2021/C 138/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court (L-Irlanda)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* FS

*Konvenuti:* Chief Appeals Officer, Social Welfare Appeals Office, Minister for Employment Affairs, Minister for Social Protection

**Domandi preliminari**

1) Il-kunċett ta' "talba" fl-Artikolu 81 tar-Regolament 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [1], jinkludi r-riċezzjoni b'mod kontinwu ta' benefiċċju perjodiku mill-ewwel Stat Membru (fejn il-benefiċċju għandu fil-fatt jitħallas mit-tieni Stat Membru) kull darba li jitħallas tali benefiċċju, anki wara l-applikazzjoni oriġinali u d-deċiżjoni oriġinali tal-ewwel Stat Membru li jagħti l-benefiċċju?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, fejn talba għal sigurtà soċjali ssir b'mod żbaljat lil Stat Membru ta' oriġini, meta din kellha fil-fatt issir lit-tieni Stat Membru, l-obbligu tat-tieni Stat Membru skont l-Artikolu 81 tar-Regolament 883/2004 (b'mod partikolari, l-obbligu li talba lill-Istat Membru ta' oriġini titqies bħala ammissibbli fit-tieni Stat Membru) għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa kompletament indipendenti mill-obbligu tal-applikanti li tagħti informazzjoni korretta dwar il-post tar-residenza tagħha skont l-Artikolu 76(4) tar-Regolament 883/2004, b'tali mod li talba li tkun saret b'mod żbaljat lill-Istat Membru ta' oriġini għandha tiġi aċċettata bħala ammissibbli mit-tieni Stat Membru għall-finijiet tal-Artikolu 81, minkejja li l-applikanti ma tkunx ipproduċiet informazzjoni korretta dwar il-post tar-residenza tagħha konformement mal-Artikolu 76(4), fit-terminu preskritt mil-liġi tat-tieni Stat Membru għall-preżentazzjoni ta' talba?

3) Il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea ta' effettività jwassal għall-konsegwenza li l-aċċess għal drittijiet taħt id-dritt tal-Unjoni jsir ineffettiv f'ċirkustanzi bħal dawk f'din il-proċedura (b'mod partikolari, f'ċirkustanzi fejn iċ-ċittadina tal-Unjoni li teżerċita d-drittijiet ta' moviment liberu tagħha tkun kisret l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 76(4) li tikkomunika lill-awtoritajiet ta' sigurtà soċjali tal-Istat Membru ta' oriġini l-bdil fil-pajjiż ta' residenza tagħha) minħabba rekwiżit tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li fih jiġi eżerċitat id-dritt ta' moviment liberu li, sabiex jinkiseb il-benefiċċju tal-effett retroattiv għal talbiet għal allowance tal-familja, ċittadin tal-Unjoni għandu japplika għal tali benefiċċju fit-tieni Stat Membru f'terminu ta' tnax-il xahar kif preskritt mid-dritt nazzjonali tal-aħħar Stat Membru?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda) fl-14 ta' Jannar 2021 – SRS, AA vs Minister for Justice and Equality**

**(Kawża C-22/21)**

(2021/C 138/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SRS, AA

*Konvenut:* Minister for Justice and Equality

**Domandi preliminari**

1) Jista' t-terminu membru tad-dar ta' ċittadin tal-Unjoni, kif użat fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE [1], jiġi ddefinit sabiex ikun ta' applikazzjoni universali fl-Unjoni u, jekk iva, x'inhi din id-definizzjoni?

2) Jekk dan it-terminu ma jistax jiġi ddefinit, abbażi ta' liema kriterji għandhom l-Imħallfin iħarsu lejn l-evidenza sabiex il-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jiddeċiedu skont lista ta' fatturi deċiżi min hu jew min ma huwiex membru tad-dar ta' ċittadin tal-Unjoni għall-iskopijiet tal-moviment liberu?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Bulgarija) fl-4 ta' Frar 2021 – Proċeduri kriminali kontra KT**

**(Kawża C-71/21)**

(2021/C 138/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Sofiyski gradski sad

**Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

KT

**Domandi preliminari**

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja (ĠU 2006, L 292, p. 2) jippermettu l-ħruġ ta' mandat ta' arrest ġdid għall-finijiet tal-istess prosekuzzjoni kriminali fil-konfront ta' persuna li l-konsenja tagħha ġiet irrifjutata minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi tal-Artikolu 1(3) tal-Ftehim, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 6 tat-Trattat UE u mal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja, tal-Artikoli 21(1) u 67(1) tat-Trattat FUE, u tal-Artikoli 6 u 45(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jippermettu li Stat Membru tal-Unjoni, li jkun ġie adit b'mandat ta' arrest, jieħu deċiżjoni ġdida f'każ li fih Stat Membru ieħor kien irrifjuta li jikkonsenja lill-istess persuna għall-finijiet tal-istess prosekuzzjoni kriminali wara li l-persuna mfittxija tkun eżerċitat id-dritt ta' moviment tagħha u tkun marret mill-Istat li fih kienet ġiet irrifjutata l-konsenja fl-Istat li ġie adit bil-mandat ta' arrest il-ġdid?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Latvja) fl-4 ta’ Frar 2021 – SIA “PRODEX” vs Valsts ieņēmumu dienests

**(Kawża C-72/21)**

(2021/C 138/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

### Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa (Senāts)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent u appellant:* SIA “PRODEX”

*Konvenut u parti oħra fil-proċedura tal-appell:* Valsts ieņēmumu dienests

### Domandi preliminari

1) In-Nomenklatura Magħquda inkluża fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta’ Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta’ Dwana [1], kif emendat bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 tas-27 ta’ Settembru 2011 [2], għandha tiġi interpretata fis-sens li s-subintestatura 4418 20 tan-Nomenklatura Magħquda tista’ tinkludi ċaċċiżi tal-bibien, xambrelli tal-bibien u sollijiet bħala artikli separati?

2) Fid-dawl tal-ewwel sentenza tar-Regola 2(a) tar-Regoli Ġenerali għall-Interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda inklużi fil-punt A tat-Taqsima I tal-Ewwel Parti tal-Anness I tar-Regolament Nru 1006/2011, is-subintestatura 4418 20 tan-Nomenklatura Magħquda tista’ tinkludi wkoll ċaċċiżi tal-bibien, xambrelli tal-bibien, borduri tal-bibien u sollijiet mhux lesti, sakemm dawn ikollhom il-karatteristiċi essenzjali ta’ ċaċċiżi tal-bibien, ta’ xambrelli tal-bibien u ta’ sollijiet kompluti u lesti?

3) Il-pannelli u l-gwarniċi tal-injam inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-profil u l-finitura dekorattiva tagħhom oġġettivament jindikaw li dawn huma intiżi li jintużaw fil-manifattura ta’ bibien, ta’ ċaċċiżi tal-bibien, ta’ xambrelli tal-bibien u ta’ sollijiet, iżda li, qabel l-immuntar tal-bieb, għandhom jinqatgħu sabiex jiġu adattati għat-tul tiegħu u li fuqhom għandhom jiġu inklużi postijiet għall-qfieli u, jekk ikun il-każ, postijiet għaċ-ċappetti u għas-serraturi, għandhom jiġu kklassifikati fis-subintestatura 4418 20 jew, skont il-karatteristiċi tal-pannelli jew tal-gwarniċi kkonċernati, fl-intestaturi 4411 u 4412 tan-Nomenklatura Magħquda?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382.
(2) Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 tas-27 ta’ Settembru 2011 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2011, L 282, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2011, L 290, p. 6, fil-ĠU 2012, L 52, p. 32 u fil-ĠU 2012, L 226, p. 8).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Latvja) fl-1 ta’ Frar 2021 – AS “PrivatBank”, A, B, Unimain Holdings Limited vs Finanšu un kapitāla tirgus komisija

**(Kawża C-78/21)**

(2021/C 138/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

### Qorti tar-rinviju

Administratīvā apgabaltiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* AS "PrivatBank", A, B, Unimain Holdings Limited

*Konvenut:* Finanšu un kapitāla tirgus komisija

**Domandi preliminari**

1) Is-self u krediti finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet ta' kontijiet kurrenti u depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji (inklużi l-banek) elenkati fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat [KE] ([1]) għandhom jitqiesu wkoll bħala movimenti ta kapital fis-sens tal-Artikolu 63 (1) TFUE?

2) Restrizzjoni (li ma tirriżultax direttament mil-leġiżazzzjoni nazzjonali) imposta mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru fuq istituzzjoni ta' kreditu partikolari li ma tħallihiex tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju u tobbligaha ttemm ir-relazzjonijiet ta' negozju eżistenti ma' persuni li ma humiex ċittadini tar-Repubblika tal-Latvja tikkostitwixxu miżura ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE li, b'dan il-mod, tippreġudika l-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri li din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tipproteġi?

3) Ir-restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital fit-tifsira tal-Artikolu 63(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tista' tkun iġġustifikata sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi evitat l-użu tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet tal-ħasil ta' flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE ([2])?

4) Il-mezz magħżul mill-Istat Membru – l-obbligu impost fuq istituzzjoni ta' kreditu partikolari sabiex ma tidħolx f'relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni li ma humiex ċittadini ta' Stat Membru partikolari (ir-Repubblika tal-Latvja) u sabiex ittemm dawn ir-relazzjonijiet – huwa adattat għall-kisba tal-għan stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE u għalhekk jikkostitwixxi eċċezzjoni skont l-Artikolu 65(1)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10.
([2]) ĠU 2015, L 141, p. 73.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal du travail de Liège (il-Belġju) fil-15 ta' Frar 2021 – VW vs Agence fédérale pour l'Accueil des demandeurs d'asile (Fedasil)**

**(Kawża C-92/21)**

(2021/C 138/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal du travail de Liège

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* VW

*Konvenut:* Agence fédérale pour l'Accueil des demandeurs d'asile (Fedasil)

**Domandi preliminari**

Rikors taħt id-dritt nazzjonali organizzat favur applikant għal ażil mitlub biex l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiegħu tiġi eżaminata fi Stat Membru ieħor, li ma għandu ebda natura sospensiva u li ma jistax jikseb tali natura ħlief fil-każ ta' ċaħda tal-libertà bil-għan tat-trasferiment imminenti, jikkostitwixxi rimedju effettiv fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolament imsejjaħ Dublin III ([1])?

Ir-rimedju effettiv imsemmi fl-Artikolu 27 tar-Regolament imsejjaħ Dublin III għandu jinftiehem fis-sens li jipprekludi biss l-implimentazzjoni ta' miżura ta' trasferiment forzat matul l-eżami tar-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment imsemmija jew fis-sens li jipprekludi kull miżura preparatorja għal tneħħija, bħat-tqegħid f'ċentru li jiżgura l-istabbiliment ta' pjan ta' ritorn fir-rigward tal-applikanti għal ażil mitluba biex l-applikazzjoni għal ażil tagħhom tiġi eżaminata f'pajjiż Ewropew ieħor?

([1]) Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Bremen (il-Ġermanja) fis-16 ta' Frar 2021 – DM vs CTS Eventim AG & Co. KGaA**

**(Kawża C-96/21)**

(2021/C 138/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Bremen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* DM

*Konvenut:* CTS Eventim AG & Co. KGaA

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 16(l) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li jkun suffiċjenti għall-esklużjoni tad-dritt ta' rtirar tal-konsumatur jekk il-kummerċjant ma jipprovdix direttament lill-konsumatur servizz marbut ma' attivitajiet ta' rikreazzjoni iżda jbigħ lill-konsumatur id-dritt għall-aċċess għal tali servizz?

([1]) ĠU 2011, L 304, p. 64.

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Frar 2021 – Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Polonja**

**(Kawża C-121/21)**

(2021/C 138/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, L. Dvořáková u J. Vláčil, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li r-Repubblika tal-Polonja:

— billi ppermettiet l-estensjoni b'sitt snin tal-awtorizzazzjoni tal-estrazzjoni tal-linjite mingħajr evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2011/92 [1], moqri flimkien mal-Artikolu 4(4) sa (6), l-Artikolu 5(1) u (2), kif ukoll tal-Artikoli 6, 7, 8 u 9 tal-imsemmija direttiva;

— billi ppermettiet li l-pubbliku kkonċernat jiġi eskluż mill-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) sa (7), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 8, l-Artikolu 9 u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2011/92;

— billi ddikjarat li d-deċiżjoni dwar l-EEA kienet immedjatament eżegwibbli, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2011/92;

— billi ma inkludietx fid-deċiżjoni dwar l-EEA pass li għandu possibbilment jittieħed fil-każ ta' nuqqas ta' għoti ta' derogi għall-korpi tal-ilma kkonċernati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/60 [2], hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-punt (ii) tal-Artikolu 4(1)(a) u l-punt (ii) tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2000/60;

— billi ma ppermettietx l-intervent tal-pubbliku kkonċernat u tar-Repubblika Ċeka fil-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni sal-2026, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) sa (7), l-Artikolu 7(1), (2) u (5) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2011/92;

— billi ma ppubblikatx l-awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni sal-2026 u billi ma trażmettiethiex lir-Repubblika Ċeka f'forma intelliġibbli, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva 2011/92;

— billi ma ppermettietx stħarriġ ġudizzjarju tal-awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni sal-2026, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2011/92;

— billi ma ppubblikatx l-awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni sal-2026, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/4 [3];

— billi ma pprovdietx informazzjoni kompleta dwar il-proċedura tal-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni sal-2026, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fis-sens tal-Artikolu 4 (3) TUE;

— billi ma ħaditx biżżejjed inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni dwar l-EEA fl-awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni sal-2026, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2(1), moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/92;

— billi ma pprevedietx kundizzjonijiet ambjentali suffiċjenti fl-awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni sal-2026, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 8a(1)(b) tad-Direttiva 2011/92.

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqajjem motivi bbażati fuq il-ksur tad-Direttiva 2011/92, tad-Direttiva 2000/60, tad-Direttiva 2003/4 kif ukoll tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (prinċipju ta' kooperazzjoni leali).

1. Ir-Repubblika tal-Polonja introduċiet leġiżlazzjoni li permezz tagħha huwa possibbli li awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni tiġi estiża għal 6 snin mingħajr evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent u li permezz tagħha l-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni hija fil-parti l-kbira tagħha mhux pubblika. Billi għamldet dan, hija kisret id-Direttiva 2011/92.

2. Ir-Repubblika tal-Polonja kisret id-Direttiva 2011/92 billi ddikjarat li d-deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-proġett ta' estensjoni tal-attivitajiet ta' estrazzjoni fil-minjiera ta' Turów sal-2044 kienet immedjatament eżegwibbli, u b'hekk eskludiet protezzjoni ġudizzjarja effettiva kontra din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja kisret id-Direttiva 2000/60 inkwantu d-deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet ambjentali ma tkoprix b'mod adegwat il-perijodu tal-proġett kollu mill-perspettiva tal-effetti tal-estrazzjoni fuq is-sitwazzjoni tal-korpi tal-ilma.

3. Ir-Repubblika tal-Polonja kisret id-Direttiva 2011/92 sa fejn hija pprekludiet lill-pubbliku kkonċernat u lir-Repubblika Ċeka milli jintervjenu fil-proċedura tal-għoti tal-awtorizzazzjoni finali għall-estrazzjoni tal-minjiera tal-linjite ta' Turów sal-2026, sa fejn ma ppubblikatx l-awtorizzazzjoni mogħtija u ttrażemttietha lir-Repubblika Ċeka b'mod inkomplet u tardiv, sa fejn id-dritt Pollakk jipprekludi stħarriġ ta' din l-awtorizzazzjoni mill-pubbliku kkonċernat u anki sa fejn din l-awtorizzazzjoni ma tiħux debitament inkunsiderazzjoni l-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent. Permezz tal-aġir tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja kisret ukoll id-Direttiva 2003/4 u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fis-sens tal-Artikolu 4(3) TUE.

---

(1) Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26 tat-28 ta' Jannar 2012, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44).
(2) Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15 Vol. 5, p. 275, u rettfiki fil-ĠU 2006, L 113, p. 26 u fil-ĠU 2019, L 260, p. 70).
(3) Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunill 90/313/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 375).

---

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2021 – L-Ungerija vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**(Kawża C-156/21)**

(2021/C 138/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* L-Ungerija (rappreżentanti: M. Z. Fehér u M. M. Tátrai, aġenti)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (1);

sussidjarjament

— tannulla d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament 2020/2092:

— l-Artikolu 4(1),

— l-Artikolu 4(2)(h),

— l-Artikolu 5(2),

— is-sentenza ta’ qabel tal-aħħar tal-Artikolu 5(3),

— l-aħħar sentenza tal-Artikolu 5(3),

— l-Artikolu 6(3) u (8);

u

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

1. *L-ewwel motiv ibbażat fuq in-natura inadegwata tal-bażi legali tar-Regolament u fuq in-nuqqas ta’ bażi legali adegwata*

L-Artikolu 322(1)(a) TFUE, id-dispożizzjoni magħżula bħala l-bażi legali tar-Regolament ikkontestat, jagħti s-setgħa lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jadotta regoli finanzjarji relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni; madankollu, l-imsemmi regolament ma fihx dispożizzjonijiet ta’ dan it-tip. Konsegwentement, il-bażi legali tar-Regolament ma hijiex adegwata u r-Regolament ma għandux bażi legali adegwata.

2. *It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7 TUE flimkien mal-Artikoli 4(1) TUE, 5(2) TUE, 13(2) TUE u 269 TUE*

Il-proċedura stabbilita mir-Regolament ikkontestat tinvolvi kjarifika, fir-rigward ta’ każ speċifiku, tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 7 TUE, li ma hijiex permessa mill-Artikolu 7 TUE. L-istabbiliment minnha ta’ proċedura parallela bis-saħħa tar-Regolament ikkontestat tikser u tevita l-Artikolu 7 TUE. Fl-istess ħin, il-proċedura stabbilita bir-Regolament tmur kontra d-distribuzzjoni tas-setgħat kif iddefinita fl-Artikolu 4(1) TUE, tikser il-prinċipju ta’ attribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 5 (2) TUE, u l-prinċipju ta’ ekwilibriju istituzzjonali stabbilit fl-Artikolu 13(2) TUE u tikser l-Artikolu 269 TFUE permezz tal-ġurisdizzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja.

3. *It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali*

Il-kunċetti fundamentali użati mir-Regolament ikkontestat la huma parzjalment iddefiniti u lanqas huma parzjalment is-suġġett ta’ definizzjoni uniformi, u, għal din ir-raġuni, huma ma humiex adatti sabiex jissostanzjaw l-evalwazzjonijiet u l-miżuri li jistgħu jittieħdu jew jiġu adottati abbażi tar-Regolament jew sabiex l-Istati Membri jitħallew jidentifikaw biċ-ċertezza meħtieġa mir-Regolament dak li huwa mistenni minnhom fir-rigward tas-sistemi legali tagħhom jew tal-funzjonament tal-awtoritajiet tagħhom. Bl-istess mod, dispożizzjonijiet speċifiċi differenti tar-Regolament, kemm individwalment kif ukoll meħuda flimkien, jimplikaw grad ta’ inċertezza legali fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament li jikkostitwixxu ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta’ ċertezza u ta’ ċarezza legali.

4. *Ir-raba’ motiv ibbażat fuq l-annullament tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament*

L-Artikolu 4(1) tar-Regolament ikkontestat jippermetti li jittieħdu miżuri wkoll fil-każ ta’ riskju għall-baġit tal-Unjoni jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta’ effett speċifiku jew impatt speċifiku, l-applikazzjoni tal-miżuri li jistgħu jiġu adottati taħt ir-Regolament tista’ titqies li hija sproporzjonata. Bl-istess mod, l-imsemmija dispożizzjoni tikser il-prinċipju ta’ ċertezza legali.

5. *Il-ħames motiv ibbażat fuq l-annullament tal-Artikolu 4(2)(h) tar-Regolament*

L-Artikolu 4(2)(h) tar-Regolament ikkontestat jippermetti wkoll, meta jinqalgħu sitwazzjonijiet jew azzjonijiet *oħra* tal-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma rilevanti għall-immaniġġjar finanzjarju sod tal-baġit tal-Unjoni jew għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li jiġi ddeterminat li l-prinċipji tal-Istat tad-dritt ikunu ġew miksura u li jiġu adottati miżuri, li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni preċiża tal-azzjonijiet u tas-sitwazzjonijiet li jistgħu jiġu ssanzjonati, jiksru l-prinċipju ta’ ċertezza legali.

6. *Is-sitt motiv ibbażat fuq l-annullament tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament*

Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ikkontestat, jekk jittieħdu miżuri fir-rigward ta' Stat Membru, jiġifieri, jiġi mċaħħad minn fondi mill-baġit tal-Unjoni, dan ma għandux jeżenta lill-Gvern tal-Istat Membru mill-obbligu tiegħu li jkompli jiffinanzja l-utenti finali tal-programmi miftiehma qabel. Dan, minn naħa, imur kontra l-bażi legali tar-Regolament, billi jimponi obbligu fuq il-baġits tal-Istati Membri, u, min-naħa l-oħra, jikser id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar defiċits tal-baġit u jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza tal-Istati Membri.

7. *Is-seba' motiv ibbażat fuq l-annullament tat-tielet sentenza tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament*

Skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament ikkontestat, il-miżuri li għandhom jiġu adottati għandhom iqisu n-natura, it-tul, il-gravità u l-iskop tal-ksur tal-prinċipji ta' Stat tad-dritt, li jqajjem dubju dwar ir-relazzjoni bejn il-ksur tal-prinċipji ta' Stat tad-dritt li jkunu speċifikament ġew ikkonstatati li twettqu u l-impatt speċifiku fuq il-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u, għalhekk, huma inkompatibbli mal-bażi legali tar-Regolament u mal-Artikolu 7 TUE. Bl-istess mod, il-fatt li l-miżuri ma humiex ddefiniti bil-preċiżjoni meħtieġa jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

8. *It-tmien motiv ibbażat fuq l-annullament tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament*

Skont l-aħħar sentenza tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament ikkontestat, il-miżuri li għandhom jiġu adottati għandhom jiffokaw, *sa fejn huwa possibbli*, fuq l-azzjonijiet tal-Unjoni li huma affettwati mill-ksur tal-prinċipji ta' Stat tad-dritt, li ma jiggarantixxix l-eżistenza ta' relazzjoni diretta bejn il-ksur tal-prinċipji ta' Stat tad-dritt li jkunu speċifikament ġew ikkonstatati li twettqu u l-miżuri li għandhom jiġu adottati u, għalhekk, jirrappreżenta ksur kemm tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll permezz ta' determinazzjoni inadegwata tar-rabta bejn il-ksur tal-prinċipji ta' Stat tad-dritt li jkunu speċifikament ġew ikkonstatati li twettqu u l-miżuri li għandhom jiġu adottati, tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

9. *Id-disa' motiv ibbażat fuq l-annullament tal-Artikolu 6(3) u (8) tar-Regolament*

Skont l-Artikolu 6(3) u (8) tar-Regolament ikkontestat, fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ser tqis l-informazzjoni rilevanti minn sorsi disponibbli, inklużi deċiżjonijiet, konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, organizzazzjonijiet oħra internazzjonali rilevanti u istituzzjonijiet oħra rrikonoxxuti, u, meta tevalwa l-proporzjonalità tal-miżuri imposti, ser tqis tali informazzjoni u tali gwida, li ma timplikax definizzjoni preċiża tal-informazzjoni użata. Il-fatt li r-referenzi u s-sorsi użati mill-Kummissjoni ma humiex iddefiniti b'mod adegwat jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

(1) ĠU 2020, L 433I, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2021 – Ir-Repubblika tal-Polonja vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-157/21)**

(2021/C 138/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, pełnomocnik)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni [1] kollu kemm hu;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

1) Motiv ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali valida għar-Regolament 2020/2092.

Il-Polonja ssostni li r-Regolament adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 322(1)(a) TFUE ma jistax jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ksur tal-prinċipji li jiffurmaw il-kunċett ta' "Stat tad-dritt" u ma jistax jawtorizza lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkonstataw il-ksur ta' dawn il-prinċipji mill-Istati Membri u konsegwentement li jadottaw il-miżuri ta' protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk il-Polonja tindika li l-mekkaniżmu maħluq ma jissodisfax il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti minn mekkaniżmu ta' kundizzjonalità u għaldaqstant huwa mekkaniżmu li jimponi sanzjonijiet fuq l-Istati Membri għal nuqqas ta' osservanza tal-obbligi tagħhom li jirriżultaw mit-Trattati.

2) Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa kompetenti jadotta r-Regolament 2020/2092, motiv ibbażat fuq bażi legali inkorretta ta' dan ir-regolament.

3) Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa kompetenti jadotta r-Regolament 2020/2092, motiv ibbażat fuq ksur tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u Proporzjonalità.

4) Motiv ibbażat fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE minħabba motivazzjoni insuffiċjenti tal-proposta għar-Regolament 2020/2092.

5) Motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 7 TUE.

Il-Polonja ssostni li r-Regolament 2020/2092 jistabbilixxi mekkaniżmi ġodda u mhux previsti mit-Trattati fir-rigward tal-kontroll tal-osservanza mill-Istati Membri tal-prinċipji dwar l-Istat tad-dritt u għaldaqstant jagħti lok għal konsegwenzi ekwivalenti għal emenda fit-Trattati. Barra minn hekk, peress li l-għan tal-mekkaniżmu stabbilit fir-Regolament 2020/2092 ikopri l-għan tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 TUE, ir-Regolament 2020/2092 iwassal sabiex tiġi evitata l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 TUE b'mod li titqiegħed inkwistjoni l-applikazzjoni sussegwenti tagħha jew saħansitra ssir irrilevanti.

6) Motiv ibbażat fuq ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 269 TFUE inkwantu jiġi ddefinit il-valur ta' "Stat tad-dritt" bħala kunċett tad-dritt primarju taħt l-Artikolu 2 TUE permezz ta' att tad-dritt sekondarju, jiġifieri r-Regolament 2020/2092.

7) Motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(1), tat-tieni sentenza tal-Artikolu 4(2), kif ukoll tal-Artikolu 5(2) TUE.

Dan il-motiv jiżviluppa l-argumentazzjoni stabbilita fl-ewwel motiv. Il-Polonja ssostni li billi stabbilixxa l-mekkaniżmu ta' kontroll tal-osservanza tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt mill-Istati Membri previst fir-Regolament 2020/2092, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser il-prinċipju ta' attribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 4(1) kif ukoll fl-Artikolu 5(2) TUE. Barra minn hekk il-Polonja tindika li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser ukoll l-obbligu ta' osservanza tal-funzjonijiet essenzjali tal-Istat stabbilit fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(2) TUE, speċjalment il-funzjonijiet li għandhom bħala għan li jiżguraw l-integrità territorjali tiegħu, iż-żamma tal-ordni pubbliku kif ukoll il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali.

8) Motiv ibbażat fuq il-ksur ta' trattament ugwali tal-Istati Membri (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(2) TUE).

Il-Polonja ssostni li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ma jiggarantixxux li l-konstatazzjoni ta' ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt tiġi ppreċeduta b'"evalwazzjoni kwalitattiva fil-fond" li tkun oġġettiva, imparzjali u ġusta. Barra minn hekk il-Polonja tindika li l-proċedura tal-adozzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni tiddiskrimina b'mod dirett u inekwivoku lill-Istati Membri żgħar u ta' daqs medju meta mqabbla mal-Istati l-kbar.

9) Motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

Il-Polonja ssostni li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2020/2092, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet għall-evalwazzjoni tal-ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt stabbiliti fl-Artikolu 3 kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tiegħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni.

10) Motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità (Artikolu 5(4) TUE).

11) Motiv ibbażat fuq abbuż ta' poter billi ġie stabbilit mekkaniżmu li l-għan reali tiegħu ma huwiex il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni iżda li jiġu evitati r-rekwiżiti formali għall-iskattar tal-proċedura ddefinita fl-Artikolu 7 TUE kif ukoll ir-rekwiżiti sostantivi sabiex tinbeda l-proċedura msemmija fl-Artikolu 258 TFUE.

(1) ĠU 2020 L 433I, p. 1.

---

**Digriet tal-President tal-Ħames Awla tal-11 ta' Jannar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija**

**(Kawża C-761/19)** (1)

(2021/C 138/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 77, 9.3.2020.

---

**Digriet tal-President tas-Sitt Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal d'instance de Rennes – Franza) – Caisse de Crédit Mutuel Le Mans Pontlieue vs OG**

**(Kawża C-865/19)** (1)

(2021/C 138/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 54, 17.2.2020.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Novembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Andalucía, Ceuta y Melilla – Spanja) – ZP vs Delegación del Gobierno en Melilla**

**(Kawża C-38/20)** (1)

(2021/C 138/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 137, 27.4.2020.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta’ Jannar 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

**(Kawża C-227/20)** ([1])

(2021/C 138/36)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 255, 3.8.2020.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta’ Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail du Brabant wallon – Il-Belġju) PR vs Agence fédérale pour l’Accueil des demandeurs d’asile (Fedasil)**

**(Kawża C-335/20)** ([1])

(2021/C 138/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 313, 21.09.2020.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta’ Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Wien – L-Awstrija) – Österreichische Apothekerkammer vs HA**

**(Kawża C-407/20)** ([1])

(2021/C 138/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 443, 21.12.2020.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta’ Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Noord-Holland – Il-Pajjiżi l-Baxxi) – P vs Swiss International Air Lines AG**

**(Kawża C-512/20)** ([1])

(2021/C 138/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 443, 21.12.2020.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-238/20)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat – Suq tat-trasport bl-ajru fl-Isvezja, mill-Isvezja u lejn l-Isvezja – Garanziji għal self intiżi sabiex isostnu l-kumpanniji tal-ajru fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Qafas temporanju tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat – Miżura intiża sabiex tirrimedja disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Ugwaljanza fit-trattament – Proporzjonalità – Kriterju taż-żamma ta' liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet Svediżi – Assenza ta' bbilanċjar tal-effetti benefiċi tal-għajnuna mal-effetti negattivi tagħha fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u fuq iż-żamma ta' kompetizzjoni mhux distorta – Artikolu 107(3)(b) TFUE – Ratio legis – Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2021/C 138/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Ryanair DAC (Swords, L-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F.-C. Laprévote, S. Rating u I.-G. Metaxas-Maranghidis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, S. Noë u F. Tomat, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-kovenuta:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. de Moustier, C. Mosser, A. Daniel u P. Dodeller, agents), Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: C. Meyer-Seitz, H. Eklinder, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, H. Shev, R. Shahsavan Eriksson u J. Lundberg, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2366 finali, tal-11 ta' April 2020, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56812 (2020/N) – L-Isvezja – skema ta' garanziji għal self lill-kumpanniji tal-ajru.

## Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ryanair DAC hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tat-talba għal trattament kunfidenzjali.

3) Ir-Repubblika Franċiża u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

([1]) ĠU C 209, 22.6.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Frar 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-259/20)** ([1])

***(“Għajnuna mill-Istat – Suq Franċiż tat-trasport bl-ajru – Moratorju fuq il-ħlas tat-taxxa tal-avjazzjoni ċivili u tat-taxxa ta’ solidarjetà fuq il-biljetti tal-ajru dovuti fuq bażi mensili matul il-perijodu bejn Marzu u Diċembru 2020 fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Għajnuna intiża biex tirrimedja għad-danni kkawżati minn avveniment straordinarju – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Ugwaljanza fit-trattament – Kriterju taż-żamma ta’ liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet Franċiżi – Proporzjonalità – Artikolu 107(2)(b) TFUE – Obbligu ta’ motivazzjoni”)***

(2021/C 138/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F.-C. Laprévote, S. Rating u I.-G. Metaxas-Maranghidis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, S. Noë u C. Georgieva-Kecsmar, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-kovenuta:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. de Moustier, C. Mosser, A. Daniel u P. Dodeller, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2097 finali, tal-31 ta’ Marzu 2020, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56765 (2020/N) – Franza – COVID-19 – Moratorju fuq il-ħlas ta’ taxxi ajrunawtiċi favur impriżi tat-trasport pubbliku bl-ajru.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ryanair DAC hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tat-talba għal trattament kunfidenzjali.

3) Ir-Repubblika Franċiża għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

([1]) ĠU C 215, 29.6.2020.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta’ Frar 2021 – sprd.net vs EUIPO – Shirtlabor (I love)**

**(Kawża T-19/20)** ([1])

***(“Rikors għal annullament – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva I love – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta’ karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Trade mark ikkostitwita minn slogan ta’ reklamar – Obbligu ta’ motivazzjoni – Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001 – Inapplikabbiltà tal-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625 – Ammissibbiltà ta’ provi – Artikolu 97(1) tar-Regolament 2017/1001 – Imparzjalità – Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001 – Rikors manifestament infondat fid-dritt”)***

(2021/C 138/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* sprd.net AG (Leipzig, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Hellenbrand, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Shirtlabor GmbH (Münster, il-Ġermanja) (rappreżentant: O. Wallscheid, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Ottubru 2019 (Każ R 5/2019-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Shirtlabor u sprd.net.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) sprd.net AG hija kkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

3) Shirtlabor GmbH għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(1) ĠU C 68, 2.3.2020.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Frar 2021 – Fryč vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-92/20)** (1)

***("Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Għajnuna mill-Istat – Regolamenti ta' eżenzjoni skont il-kategorija – Programm ta' għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Ċeki favur ċerti impriżi – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-imsemmi programm – Rikors għal annullament miċħud bħala tardiv – Dannu allegatament ikkawżat mill-atti tal-Kummissjoni u mill-qrati tal-Unjoni – Preskrizzjoni – Rikors parzjalment manifestament inammissibbli – Rabta kawżali – Rikors parzjalment manifestament infondat fid-dritt")***

(2021/C 138/43)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Petr Fryč (Pardubice, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: Š. Oharková, avukata)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braga da Cruz, C. Georgieva-Kecsmar u K. Walkerová, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-kisba ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament sostna minħabba, fl-ewwel lok, l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skond l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ĠU 2008, L 214, p. 3), fit-tieni lok, l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru 2007 u l-assenza ta' pubblikazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, fit-tielet lok, il-lakuni fit-trattament, mill-Kummissjoni, tal-ilmenti ppreżentati mir-rikorrent bejn l-2016 u l-2018 u, fir-raba' lok, id-digrieti tal-5 ta' Settembru 2019, Fryč vs Il-Kummissjoni (C-230/19 P, mhux ippubblikat, EU:C:2019:685), u tal-15 ta' Jannar 2019, Fryč vs Il-Kummissjoni (T-513/18, mhux ippubblikat, EU:T:2019:22).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ma għadx hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent tar-Repubblika Ċeka.

3) Petr Fryč huwa kkundannat ibati l-ispejjeż rispettivi tiegħu, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mat-talba għal intervent.

4) Petr Fryč u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talba għal intervent.

---

([1]) ĠU C 161, 11.5.2020.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Frar 2021 – Sam McKnight vs EUIPO – Carolina Herrera (COOL GIRL)**

**(Kawża T-176/20)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem tal-iskop tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2021/C 138/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Sam McKnight Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: V. von Bomhard u J. Fuhrmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: P. Sipos, aġent)

*Parti(jiet) oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Carolina Herrera Ltd (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: E. Stoyanov Edissonov u I. Robledo McClymont, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Jannar 2020 (Każ R 689/2019-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Carolina Herrera u Sam McKnight.

**Dispożittiv**

1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat kemm għall-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti minn Sam McKnight Ltd u Carolina Herrera Ltd.

---

([1]) ĠU C 191, 8.6.2020.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Frar 2021 – PNB Banka vs BĊE**

**(Kawża T-230/20 R)**

***("Talba għal miżuri provviżorji – Politika ekonomika u monetarja – Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Missjonijiet speċifiċi ta' sorveljanza fdati lill-BĊE – Deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza")***

(2021/C 138/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* PNB Banka AS (Riga, il-Latvja) (rappreżentant: O. Behrends, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: F. Bonnard, V. Hümpfner u C. Hernández Saseta, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-konvenut:* Ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentanti: K. Pommere, V. Soņeca u E. Bārdiņš, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-BĊE tas-17 ta' Frar 2020 li tirtira l-awtorizzazzjoni tar-rikorrenti.

## Dispożittiv

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

# Rikors ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2020 – Il-Kummissjoni vs CEVA *et*

# (Kawża T-748/20)

(2021/C 138/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Estrada de Solà, u M. Ilkova, aġenti, assistiti minn E. Bouttier, avukat)

*Konvenuti:* Centre d'étude et de valorisation des algues SA (CEVA) (Pleubian, Franza), SELARL TCA, fil-kwalità ta' mandatarju ġudizzjarju għall-proċedura ta' salvagwardja taċ-CEVA (Saint-Brieuc, Franza) u SELARL AJIRE, fil-kwalità ta' Kummissarju għall-eżekuzzjoni tal-pjan ta' salvagwardja taċ-CEVA (Rennes, Franza)

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkundanna liċ-CEVA, irrappreżentat mill-President tiegħu, iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 234 491,02 li tikkorrispondi għas-somma ta' EUR 168 220,16 bħala somma prinċipali u s-somma ta' EUR 66 270,86 bħala interessi moratorji;

— tikkundanna liċ-CEVA għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fondatezza tar-rikors abbażi tal-klawżola ta' arbitraġġ tal-kuntratt ta' sussidju Nru Q5RS-2000-31334, li jistipula fl-Artikolu 5 tiegħu li l-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li saret il-"Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea"), u f'każ ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (li saret il-"Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea") huma l-uniċi li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu kull tilwima bejn il-Komunità (li saret l-"Unjoni"), minn naħa, u l-partijiet kontraenti, min-naħa l-oħra, rigward il-validità, l-applikazzjoni jew kwalunkwe interpretazzjoni tal-imsemmi kuntratt.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-obbligu li jissejjaħ il-kummissarju għall-eżekuzzjoni tal-pjan ta' salvagwardja u l-mandatarju ġudizzjarju għall-proċedura ta' salvagwardja taċ-CEVA minħabba l-ftuħ ta' proċedura ta' salvagwardja fil-konfront tiegħu. Fil-fatt, ir-rikorrenti tikkunsidra li, peress li dan ir-rikors huwa konsekuttiv għall-adozzjoni tal-pjan ta' salvagwardja, il-kreditur għandu jikkontesta mhux biss il-kummissarju għall-eżekuzzjoni tal-pjan iżda wkoll il-mandatarju ġudizzjarju bħala korpi intervenjenti għall-proċedura ta' verifika u ta' ammissjoni ta' krediti.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-frodi taċ-CEVA u tal-irregolaritajiet finanzjarji gravi li ġew ikkonstatati fil-kuntest ta' awditu. Ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li l-qrati Franċiżi rrelevaw li d-dikjarazzjonijiet frawdolenti tan-numru ta' siegħat iddedikati għad-diversi proġetti li għalihom CEVA rċieva sussidji mill-Unjoni Ewropea kien jikkostitwixxi ksur minn dan tal-aħħar tal-obbligi kuntrattwali tiegħu. B'hekk minn dan jirriżulta obbligu ta' rimbors tal-ammonti mħallsa minn qabel mir-rikorrenti li jirriżultaw min-natura frawdolenti tal-atti li twettqu miċ-CEVA.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – EVH vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-53/21)

(2021/C 138/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* EVH GmbH (Halle (Saale), il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16);

— tordna lill-konvenuta tippreżenta l-fajls fir-rigward tal-Każijiet M.8870 u M.8871 li jikkonċernaw id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u l-partijiet suġġetti għall-fużjoni qabel u matul il-proċeduri ta' fużjoni, in-notifika separata tal-partijiet individwali tat-tranżazzjoni, u l-bidla fl-opinjoni matul il-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat tar-rikorrenti u l-ispejjeż tal-ivjaġġar li rriżultaw matul il-kawża

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: id-deċiżjoni ta' approvazzjoni għandha difett fil-forma

   — Il-fużjoni M.8870, approvat min-naħa tal-konvenuta u kkontestat hawnhekk, kien isseparat b'mod żbaljat mill-fużjoni ġenerali ta' E.ON SE (iktar 'il quddiem "E.ON") u RWE AG (iktar 'il quddiem "RWE"), li kien jiddelimita l-istadji ta' valur miżjud tas-settur tal-enerġija. It-tranżazzjoni ġenerali hija marbuta mill-qrib u tinvolvi, minbarra t-trasferiment tas-sussidjarja ta' RWE, innogy SE (iktar 'il quddiem "innogy") lil E.ON, anki x-xiri ta' assi ta' produzzjoni ta' E.ON minn RWE, li kien approvat separatament mill-konvenuta (Każ M.8871), u x-xiri ta' sehem ta' 16.67 % f'E.ON minn RWE li kien approvat mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Akkordji. Barra minn hekk, il-konvenuta ma kkonsultatx b'mod xieraq mar-rikorrenti u tat raġunijiet tardivi u insuffiċjenti għad-deċiżjoni.

2. It-tieni motiv: il-konvenuta evalwat il-fatti b'mod insuffiċjenti

   — Fid-determinazzjoni tas-suq tal-prodott rilevanti, il-konvenuta naqset milli tinvestiga, fir-rigward tal-provvista ta' elettriku u gass lil djar u lil klijenti kummerċjali żgħar (iktar 'il quddiem il-"DKKŻ") Ġermaniżi, mill-perspettiva tal-klijent, l-impatt fuq id-definizzjoni tas-suq tal-prodott tal-omoġenità tal-prodotti, l-uniformità tal-użu intenzjonat, flimkien ma' fatturi importanti oħra għall-provvista lill-DKKŻ. B'hekk hija qieset b'mod żbaljat li kien hemm swieq separati għal provvista bażika u għal provvista taħt kuntratti speċjali.

— Fir-rigward tas-suq ġeografiku, il-konvenuta naqset milli tikkjarifika kif il-provvista u d-domanda kienu kkonfigurati għal dak li jikkonċerna l-provvista lokali tal-DKKŻ u b'hekk fehmet ħażin l-istruttura lokali attwali li kienet maqsuma skont il-kodiċi postali.

— Fir-rigward tal-kundizzjonijiet fis-swieq lokali tal-DKKŻ, il-qsim tal-lista tal-klijenti ta' E.ON u ta' innogy fiż-żoni ta' provvista stabbiliti tagħhom, il-preżenza dominanti ta' E.ON fuq il-kanali ta' distribuzzjoni ċentrali Google, Verivox u Check24 u l-kapaċità li jiġu esklużi terzi ma kinux evalwati (korrettament).

— L-evalwazzjoni tal-kummerċ tan-netwerk kienet insuffiċjenti wkoll. Dak kien il-każ kemm fir-rigward (i) tal-penetrazzjoni għolja fis-suq minn E.ON fil-provvista ta' apparat tan-netwerk, ta' servizzi tan-netwerk u teknoloġija tal-informazzjoni tan-netwerk u l-offerta tagħha stess ta' servizzi relatati man-netwerk lil terzi relatati mal-operazzjoni ta' netwerks distribwiti u (ii) tal-kompetizzjoni għal netwerks ta' distribuzzjoni stess (l-hekk imsejħa "kompetizzjoni għal konċessjoni"). B'mod partikolari, kien hemm nuqqas li jiġu previssti, jew li jiġu previsti korrettement, il-konsegwenzi futuri jekk innogy tkun eliminata minn kompetitur ta' E.ON fil-kompetizzjoni għal konċessjoni.

— Kien hemm biss analiżi selettiva tal-kummerċ innovattiv fejn kienu jingħaqdu l-kummerċ ta' distribuzzjoni u l-kummerċ tan-netwerks iddominat minn E.ON, inkluż fir-rigward tal-importanza tal-metroloġija bħala aċċess għal soluzzjonijiet ta' prodotti innovattivi, u r-rwol ta' E.ON fiha. Kien biss l-operat ta' punti tal-iċċarġjar fuq l-awtostradi li ttieħed inkunsiderazzjoni b'relazzjoni mal-E-mobility, li bħalissa għaddejja minn tkabbir rapidu, iżda t-tħaddim ta' tali punti ta' ċċarġjar tifforma biss parti waħda mis-suq. Is-suġġetti futuristiċi importanti ta' Big Data u (bukkett) ta' prodotti innovattivi ngħataw biss evalwazzjoni fil-qosor.

— B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni kienet ibbażata b'mod żbaljat fuq kunsiderazzjonijiet li jikkonċernaw il-passat. Effetti fuq is-snin li ġejjin (pereżempju biż-żieda fin-nuqqas ta' taħriġ fl-implimentazzjoni tan-networks, iż-żieda fl-importanza tad-data, eċċ) ma ġewx eżaminati.

3. It-tielet motiv: il-konvenuta wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta sabet li l-fużjoni kienet kompatibbli mal-kompetizzjoni, parzjalment bħala riżultat tan-nuqqasijiet fl-investigazzjoni tagħha.

— Il-konvenuta kjarament iddefiniet b'mod żbaljat is-suq tal-prodott ta' distribuzzjoni lill-DKKŻ peress li ma ddefinixxietx il-provvista ta' enerġija lill-DKKŻ abbażi ta' provvista bażika u abbażi ta' klijenti b'kuntratt speċjali bħala suq uniku.

— L-evalwazzjoni mill-konvenuta tas-setgħa ta' E.ON fis-suq tal-provvista lill-DKKŻ kienet sistematikament żbaljata għaliex il-konvenuta kienet diġà limitatha b'mod żbaljat għal provvista taħt kuntratti speċjali, assumiet b'mod żbaljat li s-suq kien nazzjonali pjuttost milli jinkludi numru ta' swieq lokali. B'hekk hija injorat il-fatt li s-suq lokali (jikber) ta' E.ON kien 70 % jew iktar f'ħafna każijiet.

— Il-konvenuta kkaratterizzat ukoll b'mod żbaljat il-preżenza sinjifikattiva u l-pożizzjoni superjuri ta' E.ON fil-kompetizzjoni għal kuntratti ta' netwerks bħala mhux rilevanti u b'hekk, b'mod partikolari, għamlet konstatazzjoni żbaljata fir-rigward tal-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni permezz tal-eliminazzjoni ta' innogy bħala kompetitur.

— Is-setgħa fis-suq ta' E.ON ma ġietx irrikonoxxuta minħabba li saret distinzjoni b'mod żbaljat bejn diversi swieq ta' prodotti fil-metroloġija, li wasslet sabiex il-ħsara lill-kompetizzjoni għall-kummerċ innovattiv tiġi ssottovalutata. L-istess ġara fir-rigward tas-settur tal-E-Mobility fejn kienu biss konsegwenzi negattivi partikolari li ġew irrikonoxxuti għall-operat ta' punti ta' ċċarġjar fuq l-awtostradi.

— Jidher ukoll li l-konvenuta naqset b'mod żbaljat milli tieħu inkunsiderazzjoni l-effetti antikompetittivi li kienu jirriżultaw mill-aċċess imtejjeb ta' E.ON għal iktar data.

— Il-konvenuta naqset milli tirrikonoxxi li d-diviżjoni tal-istadji tal-valur miżjud tas-settur tal-enerġija bejn E.ON u RWE, li kien hemm qbil dwarha fir-rigward tal-fużjoni ġenerali, kienet tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni li hija inkompatibbli mal-Artikolu 101 TFUE.

— Finalment, ir-rekwiżiti minimi tal-konvenuta, li għas-suq Ġermaniż kienu limitati għas-setturi partikolari tal-elettriku għat-tisħin u għall-punti ta' ċċarġjar fuq l-awtostradi, ma setgħux ineħħu l-preokkupazzjonijiet eżistenti fuq il-kompetizzjoni. Dawn ma kinux jirrigwardaw is-swieq milquta ħażin mill-fużjoni u kienu irrilevanti biex jiżguraw il-kompetizzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – Stadtwerke Leipzig vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-55/21)**

(2021/C 138/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Stadtwerke Leipzig GmbH (Leipzig, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16);

— tordna lill-konvenuta tippreżenta l-fajls fir-rigward tal-Każijiet M.8870 u M.8871 li jikkonċernaw id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u l-partijiet suġġetti għall-fużjoni qabel u matul il-proċeduri ta' fużjoni, in-notifika separata tal-partijiet individwali tat-tranżazzjoni, u l-bidla fl-opinjoni matul il-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat tar-rikorrenti u l-ispejjeż tal-ivjaġġar li rriżultaw matul il-kawża

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk fil-Kawża T-53/21, EVH vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – TEAG vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-56/21)**

(2021/C 138/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* TEAG Thüringer Energie AG (Erfurt, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16);

— tordna lill-konvenuta tippreżenta l-fajls fir-rigward tal-Każijiet M.8870 u M.8871 li jikkonċernaw id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u l-partijiet suġġetti għall-fużjoni qabel u matul il-proċeduri ta' fużjoni, in-notifika separata tal-partijiet individwali tat-tranżazzjoni, u l-bidla fl-opinjoni matul il-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat tar-rikorrenti u l-ispejjeż tal-ivjaġġar li rriżultaw matul il-kawża

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk fil-Kawża T-53/21, EVH vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – GWS Stadtwerke Hameln vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-58/21)**

(2021/C 138/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* GWS Stadtwerke Hameln GmbH (Hameln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16);

— tordna lill-konvenuta tippreżenta l-fajls fir-rigward tal-Każijiet M.8870 u M.8871 li jikkonċernaw id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u l-partijiet suġġetti għall-fużjoni qabel u matul il-proċeduri ta' fużjoni, in-notifika separata tal-partijiet individwali tat-tranżazzjoni, u l-bidla fl-opinjoni matul il-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat tar-rikorrenti u l-ispejjeż tal-ivjaġġar li rriżultaw matul il-kawża

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk fil-Kawża T-53/21, EVH vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – eins energie in sachsen vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-59/21)**

(2021/C 138/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* eins energie in sachsen GmbH & Co. KG (Chemnitz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta’ Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta’ E.ON u ta’ innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16);

— tordna lill-konvenuta tippreżenta l-fajls fir-rigward tal-Każijiet M.8870 u M.8871 li jikkonċernaw id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u l-partijiet suġġetti għall-fużjoni qabel u matul il-proċeduri ta’ fużjoni, in-notifika separata tal-partijiet individwali tat-tranżazzjoni, u l-bidla fl-opinjoni matul il-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat tar-rikorrenti u l-ispejjeż tal-ivjaġġar li rriżultaw matul il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk fil-Kawża T-53/21, EVH vs Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta’ Jannar 2021 – Naturstrom vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-60/21)

(2021/C 138/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Naturstrom AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta’ Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta’ E.ON u ta’ innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16);

— tordna lill-konvenuta tippreżenta l-fajls fir-rigward tal-Każijiet M.8870 u M.8871 li jikkonċernaw id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u l-partijiet suġġetti għall-fużjoni qabel u matul il-proċeduri ta’ fużjoni, in-notifika separata tal-partijiet individwali tat-tranżazzjoni, u l-bidla fl-opinjoni matul il-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat tar-rikorrenti u l-ispejjeż tal-ivjaġġar li rriżultaw matul il-kawża

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk fil-Kawża T-53/21, EVH vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – EnergieVerbund Dresden vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-61/21)**

(2021/C 138/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* EnergieVerbund Dresden GmbH (Dresden, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16);

— tordna lill-konvenuta tippreżenta l-fajls fir-rigward tal-Każijiet M.8870 u M.8871 li jikkonċernaw id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u l-partijiet suġġetti għall-fużjoni qabel u matul il-proċeduri ta' fużjoni, in-notifika separata tal-partijiet individwali tat-tranżazzjoni, u l-bidla fl-opinjoni matul il-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat tar-rikorrenti u l-ispejjeż tal-ivjaġġar li rriżultaw matul il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk fil-Kawża T-53/21, EVH vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – GGEW vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-62/21)**

(2021/C 138/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* GGEW Gruppen-Gas- und Elektrizitätswerk Bergstraße AG (Bensheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke u T. Heymann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16);

— tordna lill-konvenuta tippreżenta l-fajls fir-rigward tal-Każijiet M.8870 u M.8871 li jikkonċernaw id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u l-partijiet suġġetti għall-fużjoni qabel u matul il-proċeduri ta' fużjoni, in-notifika separata tal-partijiet individwali tat-tranżazzjoni, u l-bidla fl-opinjoni matul il-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż tal-avukat tar-rikorrenti u l-ispejjeż tal-ivjaġġar li rriżultaw matul il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk fil-Kawża T-53/21, EVH vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – Stadtwerke Frankfurt am Main vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-63/21)**

(2021/C 138/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Stadtwerke Frankfurt am Main Holding GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Schalast, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019, Każ M.8870;

— tgħaqqad din il-kawża mal-kawżi l-oħra relatati mal-istess deċiżjoni fil-Każ M.8870 għall-finijiet tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza fis-sens tal-Artikolu 68(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16), ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, motiv wieħed, jiġifieri, il-ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). F'dan ir-rigward hija tqajjem l-allegazzjonijiet segwenti:

1. Separazzjoni tal-operazzjoni ta' fużjoni fi tliet partijiet ta' tranżazzjonijiet.

   — Permezz tas-separazzjoni arbitrarja tal-proġett ta' fużjoni, il-konvenuta kisret it-Trattati tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 139/2004. B'mod partikolari, din kisret id-dispożizzjonijiet proċedurali taħt il-liġi dwar il-fużjonijiet, sa fejn hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċirkustanzi deċiżivi għall-proċedura jew ma ħadithomx inkunsiderazzjoni korrettement. Fosthom, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-interkonnessjoni legali, ekonomika u *de facto* tal-proġett ta' fużjoni b'mod ġenerali, il-klassifikazzjoni żbaljata tat-tranżazzjoni bħala asset swap, in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti fuq il-kompetizzjoni tal-korrispettiv tal-parteċipazzjoni ta' RWE AG f'E.ON SE f'livell ta' 16,67 %, kif ukoll l-evalwazzjoni żbaljata tal-effetti tat-tranżazzjoni fuq il-kompetizzjoni.

2. Evalwazzjoni żbaljata tal-proġett ta' fużjoni u tal-effetti tiegħu fuq is-suq intern Ewropew.

— Bl-istess mod, il-konvenuta naqset milli tiddelimita s-suq b'mod xieraq. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li din applikat marġni ta' diskrezzjoni żbaljat fl-evalwazzjoni tal-effetti tat-tranżazzjoni u evalwat b'mod żbaljat l-effetti fuq il-kompetizzjoni. B'dan il-mod, hija bbażat ruħha fuq suppożizzjonijiet ta' fatt li huma fundamentalment żbaljati. Għal din ir-raġuni, il-konvenuta waslet għall-konklużjoni żbaljata li l-fużjoni, minn naħa, setgħet tiġi evalwata separatament u, min-naħa l-oħra, li ma kienx hemm effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni fl-Unjoni.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – Mainova vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-64/21)**

(2021/C 138/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Mainova AG (Frankfurt am Main, il-Germanja) (rappreżentant: C. Schalast, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019, Każ M.8870;

— tgħaqqad din il-kawża mal-kawżi l-oħra relatati mal-istess deċiżjoni fil-Każ M.8870 għall-finijiet tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza fis-sens tal-Artikolu 68(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16), hija bbażata fuq motiv wieħed, li huwa essenzjalment identiku jew simili għal dak fil-Kawża T-63/21, Stadtwerke Frankfurt am Main vs Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 – enercity vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-65/21)**

(2021/C 138/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* enercity AG (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Schalast, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Settembru 2019, Każ M.8870;

— tgħaqqad din il-kawża mal-kawżi l-oħra relatati mal-istess deċiżjoni fil-Każ M.8870 għall-finijiet tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza fis-sens tal-Artikolu 68(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2019 li tiddikjara l-fużjoni ta' E.ON u ta' innogy bħala kompatibbli mas-suq intern, Każ M.8870 (ĠU 2020, C 379, p. 16), hija bbażata fuq motiv wieħed, li huwa essenzjalment identiku jew simili għal dak fil-Kawża T-63/21, Stadtwerke Frankfurt am Main vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2021 – QA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-68/21)**

(2021/C 138/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* QA (rappreżentant: C. Roth, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas is-somma ta' EUR 397 038,3 [lil QA] minħabba d-dannu materjali subit minnha b'riżultat tal-ksur mill-Kummissjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża, kif jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas is-somma ta' EUR 100 000 [lil QA] minħabba d-dannu morali subit minnha b'riżultat tal-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi, li l-ewwel tlieta minnhom jirrigwardaw id-dannu materjali allegatament subit minnha minħabba n-nuqqas ta' dħul mir-remunerazzjoni attwali u futura tagħha, u r-raba' jirrigwarda d-dannu morali allegatament subit minnha minħabba d-dannu lir-reputazzjoni tagħha.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità mill-Kummissjoni Ewropea, li għalhekk jikkostitwixxi illegalità mwettqa minnha u li kkawża dannu lir-rikorrenti.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-drittijiet tad-difiża mill-Kummissjoni Ewropea, li għalhekk jikkostitwixxi illegalità mwettqa minnha u li kkawża dannu lir-rikorrenti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba mill-Kummissjoni Ewropea, li għalhekk jikkostitwixxi illegalità mwettqa minnha u li kkawża dannu lir-rikorrenti.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità mill-Kummissjoni Ewropea, li għalhekk jikkostitwixxi illegalità mwettqa minnha u li kkawża dannu lir-rikorrenti.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2021 – PIC CO vs EUIPO – Haribo Ricqles Zan (P.I.C Co.)**

**(Kawża T-73/21)**

(2021/C 138/59)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* PIC CO AD (Kazichene, il-Bulgarija) (rappreżentant: A. Ivanova, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Haribo Ricqles Zan (Marseille, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea P.I.C. Co. –Trade mark tal-Unjoni Nru 15 400 138

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas–27 ta' Novembru 2020 fil-Każ R 1847/2019-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2021 – QC vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-77/21)**

(2021/C 138/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* QC (rappreżentant: F. Moyse, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni impliċita ta' rifjut li seħħet fit-8 ta' Novembru 2020;

— tordna l-kalkolu mill-ġdid tad-drittijiet għall-pensjoni ta' [QC] b'effett mill-1 ta' Mejju 2020 abbażi tal-kontribuzzjonijiet reali kollha tiegħu fis-sistema soċjali Spanjola;

— talloka lir-rikorrent l-ammont ekwivalenti għad-differenza bejn l-ammont ikkalkolat mill-ġdid tal-pensjoni tiegħu u l-ammont effettivament rċevut minn [QC], u dan għall-perijodu mifrux mill-1 ta’ Mejju 2020 sad-data tal-mistenni kalkolu mill-ġdid tad-drittijiet għall-pensjoni, ammont li għandu jiżdied bl-interessi legali, li għandhom jiġu kkalkolata mill-iżborż tal-imsemmija somma, jew inkella mill-ġurnata tal-preżentazzjoni tal-ilment, jew inkella mill-ġurnata tal-preżentata ta’ dan ir-rikors, bla ħsara għal żieda ta’ dan l-ammont għax-xhur ta’ wara Jannar 2021, u dan sal-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta’ rifjut ikkontestata;

— talloka lir-rikorrent l-ammont ta’ EUR 25 000 (ħamsa u għoxrin elf EUR) għad-danni materjali;

— talloka lir-rikorrent l-ammont ta’ EUR 50 000 (ħansin elf EUR) għad-danni morali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 45 u 48 TFUE li jissanċixxu l-moviment liberu tal-ħaddiema u l-protezzjoni tad-drittijiet soċjali fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema, u, b’mod iktar speċifiku, ibbażat fuq il-ksur tal-protezzjoni tad-drittijiet soċjali ta’ ċittadin tal-Unjoni Ewropea li ħadem għal organizzazzjoni internazzjonali filwaqt li eżerċita d-dritt tiegħu ta’ moviment liberu fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Skont ir-rikorrent, dan il-ksur huwa espress ukoll mill-ksur ta’ regoli oħra tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, fosthom:

   — ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta’ l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35);

   — l-Artikolu 7 u l-Anness 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-unjoni Ewropea, u;

   — l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tad-29 ta’ April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

2. It-tieni motiv, li jirrigwarda t-talba għal kumpens tar-rikorrent, ibbażat fuq danni materjali u morali li dan tal-aħħar ġarrab minħabba n-nuqqas ta’ rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Frar 2021 – Paesen vs SEAE**

**(Kawża T-88/21)**

(2021/C 138/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Sandra Paesen (Beersel, il-Belġju) (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-10 ta’ April 2020, ta’ assenjazzjoni mill-ġdid għal pożizzjoni mhux amministrattiva u sussidjarjament, tannulla r-rapport tat-tmiem tal-perijodu ta’ prova kkonfermat mill-istess deċiżjoni;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-12 ta’ Mejju 2020 li tirrifjuta t-talba għall-għajnuna tal-persuna li qed tikkontesta d-deċiżjoni, imressqa fis-17 ta’ Jannar 2020, fuq il-bażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal;

— tannulla, kif meħtieġ, id-deċiżjoni tal-4 ta’ Novembru 2020 li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

— tikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni finanzjarji u morali li hija tqis li sostniet bħala riżultat tal-eżistenza ta’ fastidju morali u tal-azzjonijiet mhux xierqa tal-amministrazzjoni;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, fir-rigward tal-parti dwar l-annullament, ir-rikorrenti tinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali għal amministrazzjoni tajba, tad-dritt għal smigħ, ta’ żball manifest ta’ evalwazzjoni u użu ħażin ta’ poter.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-maniġment intermedju C (2008) 5028/2 u d-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tas-SEAE tal-15 ta’ Novembru 2019 dwar l-eżerċizzju u s-suddelegazzjoni tas-setgħat ikkonferiti lill-Awtorità għall-Ħatra u lill-Awtorità li Għandha s-Setgħa Tikkonkludi Kuntratti ta’ Ingaġġ ADMIN (2019) 31, u żball manifest ta’ evalwazzjoni.

3. It-tielet motiv huwa maqsum f’żewġ partijiet.

   — L-ewwel parti bbażata fuq ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni, li jirriżulta mill-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u żball manifest ta’ evalwazzjoni.

   — It-tieni parti bbażata fuq ksur tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal u żball manifest ta’ evalwazzjoni.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq ksur tad-dinjità u ta’ kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u tad-dmir ta’ premura u tal-projbizzjoni ta’ kull forma ta’ fastidju morali.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta’ Frar 2021 – Creaticon vs EUIPO – Paul Hartmann (SK SKINTEGRA THE RARE MOLECULE)**

**(Kawża T-93/21)**

(2021/C 138/62)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Creaticon d.o.o. (Zagreb, il-Kroazja) (rappreżentant: P. Krmpotić, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Paul Hartmann AG (Heidenheim, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark figurattiva SK SKINTEGRA THE RARE MOLECULE – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 424 199 li tindika l-Unjoni

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta’ Diċembru 2020 fil-Każ R 847/2020-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— taċċetta r-reġistrazzjoni għal trade mark Nru 1 424 199 għall-prodotti rilevanti fil-klassi 3;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament u ta’ ċertezza legali.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta’ Frar 2021 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-95/21)**

(2021/C 138/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Repubblika Portugiża (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, P. Barros da Costa, M. J. Marques, L. Borrego u A. M. Soares de Freitas, aġenti, assistiti minn M. Gorjão-Henriques u A. Saavedra, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea.

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tordna li jiddaħħlu mal-proċess id-dokumenti li jinsabu fil-fajl amministrattiv li wassal għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, skont kif mitlub fir-rikors preżenti;

— tannulla l-Artikolu 1, kif ukoll l-Artikoli 4 sa 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2020)8550 final tal-4 ta’ Diċembru 2020, “dwar l-iskema ta’ għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex2018/NN) applikata mill-Portugall favur iż-Żona Ħielsa ta’ Madeira (ŻĦM) – Skema III”.

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhata, ir-rikorrenti tinvoka seba’ motivi:

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta’ liġi inkwantu l-miżura inkwistjoni hija ta’ natura ġenerali u ma hijiex selettiva u għaldaqstant ma tikkostitwixxix għajnuna pubblika fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. It-tieni motiv, fi kwalunkwe każ, ibbażat fuq nuqqas ta’ prova mill-Kummissjoni li ġie ssodisfatt il-kriterju ta’ distorsjoni tal-kompetizzjoni u tal-effetti fuq il-kummerċ bejn Stati Membri.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żball ta’ liġi fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 108 TFUE u 21 sa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, għall-għajnuna li hija eżistenti.

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq żball ta’ liġi tad-Deċiżjoni sa fejn l-Iskema III taż-Żona Ħielsa ta’ Madeira (ŻĦM) ġiet implimentata konformement mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-2007 u tal-2013 u mal-Artikoli 107 u 108 TFUE.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq żball fir-rigward tal-punti ta’ fatt tad-Deċiżjoni u/jew fuq motivazzjoni insuffiċjenti peress li r-rekwiżiti tal-iskema tat-taxxa u fuq is-sorveljanza tagħha mill-awtoritajiet nazzjonali huma idonei sabiex jikkontrollaw l-Iskema III taż-ŻĦM.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq żball fir-rigward tal-punti ta’ fatt tad-Deċiżjoni u/jew fuq nuqqas ta’ motivazzjoni, peress li r-Repubblika Portugiża wettqet kontrolli dwar ir-rekwiżit ta ħolqien/żamma ta’ postijiet tax-xogħol.

7. Is-seba’ motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Ir-rikorrenti tinvoka, b’mod partikolari, il-ksur tad-drittijiet tad-difiża, u tal-prinċipji ta’ ċertezza legali u ta’ amministrazzjoni tajba, kif ukoll nuqqas ta’ motivazzjoni.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Frar 2021 – Construcciones Electromecanicas Sabero vs EUIPO – Magdalenas de las Heras (Heras Bareche)

**(Kawża T-99/21)**

(2021/C 138/64)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrent:* Construcciones Electromecanicas Sabero, SL (Madrid. Spanja) (rappreżentanti: I. Valdelomar Serrano, P. Román Maestre u D. Liern Cendrero, abogados)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Magdalenas de las Heras, SA (Aranda de Duero, Spanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea “Heras Bareche” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 979 710

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta’ Diċembru 2020 fil-Każ R 1019/2020-5

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkonstata l-applikazzjoni żbaljata fid-deċiżjoni kkontestata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— tiddeċiedi li tingħata protezzjoni għall-prodotti u s-servizzi kollha mitluba fl-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 17 979 710 Heras Bareche (figurattiva) mitluba fil-klassijiet 30 u 35.

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż ta’ rappreżentanza sostnuti mir-rikorrenti, relatati ma’ din il-proċedura.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-111/21)**

(2021/C 138/65)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F-C. Laprévote, V. Blanc, S. Rating u I. Metaxas-Maranghidis, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2020 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.55373 (2020/N) – Croatia – COVID-19: Damage compensation ([1]); u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat FUE u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li sa minn tmiem is-snin tmenin servew bħala bażi għal-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru fl-Unjoni (jiġifieri nondiskriminazzjoni, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u libertà ta' stabbiliment ([2])).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata min-naħa tal-Kummissjoni tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-reviżjoni tagħha tal-proporzjonalità tal-għajnuna għad-dannu kkawżat mill-kriżi tal-COVID-19.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li tinbeda proċedura ta' investigazzjoni formali minkejja diffikultajiet serji u fuq ksur min-naħa tagħha tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU 2021, C 17, p. 3.

([2]) Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (ĠU 2008, L 293, p. 3).

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2021 – Suez vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-121/21)**

(2021/C 138/66)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Suez (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: O. Billard, I. Simic, Y. Trifounovitch, G. Fabre, G. Vatin, D. Théophile, G. Aubron u O. Chriqui, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha ta’ din l-istanza.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, kontra d-deċiżjoni, tal-Kummissjoni C (2020) 8969 finali tas-17 ta’ Diċembru 2020, li ċaħdet it-talba tagħha mmirata, minn naħa, biex Veolia Environnement SA tikser l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 [1] billi akkwista sehem ta’ 29,9 % fil-kapital ta’ Suez mingħajr ma jkun kiseb l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, l-adozzjoni ta’ miżuri proviżorji kontra dik il-kumpannija, skont l-Artikolu 8(5)(a) tal-istess regolament, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas ta’ motivazzjoni skont l-Artikolu 296 TFUE. Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE billi adottat deċiżjoni li r-raġunament tagħha ma jippermetti la lilha u lanqas lill-Qorti Ġenerali li jifhmu r-raġunijiet li wassluha biex tikkunsidra li d-deroga awtomatika prevista fl-Artikolu 7 (2) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet kienet applikabbli. Ir-rikorrenti tallega wkoll li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn kontradizzjoni tal-motivi, fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament KE dwar l-Għaqdiet għall-akkwist ta’ sehem ta’ 29,9 % tal-kapital tagħha. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata tbiegħdet, mingħajr raġunament suffiċjenti, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-qorti tal-Unjoni dwar il-prinċipju ta’ interpretazzjoni stretta tal-eċċezzjoni għall-effett sospensiv previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Ir-rikorrenti tikkunsidra f’dan ir-rigward li l-Kummissjoni kisret din id-dispożizzjoni billi kkunsidrat, l-ewwel, li l-eċċezzjoni prevista minn dak it-test għandha tapplika għall-operazzjoni ta’ konċentrazzjoni waħda fl-assjem tagħha, prevista minn Veolia meta din l-eċċezzjoni kienet manifestament mingħajr għan u għalhekk ma kinitx applikabbli għal dik l-operazzjoni u, it-tieni, li l-operazzjonijiet legali kollha li jikkostitwixxu operazzjoni ta’ konċentrazzjoni waħda għandhom jaqgħu taħt l-istess sistema legali fir-rigward ta’ dan l-artikolu. Ir-rikorrenti tikkunsidra wkoll li l-applikazzjoni mill-Kummissjoni tal-eċċezzjoni prevista minn dik id-dispożizzjoni għal akkwist privat ta’ titoli magħmula minn bejjiegħ wieħed jikkostitwixxi ksur addizzjonali ta’ dak it-test. Fl-aħħar, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli kkunsidrat li Veolia kienet issodisfat il-kundizzjoni relatata man-notifika tal-operazzjoni tal-konċentrazzjoni mingħajr dewmien.

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta’ Jannar 2004 dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8,Vol. 3, p. 40).

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Frar 2021 – QI vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-122/21)**

(2021/C 138/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* QI (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-rapporti ta' evalwazzjoni tal-karriera finali tar-rikorrenti għall-2018 u 2019;

— tannulla, sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tas-16 ta' Novembru 2020;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni applikabbli. Fir-rigward tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-2018, ir-rikorrenti ssostni reviżjoni illegali tan-natura sodisfaċenti jew le tas-servizzi fl-istadju tal-appell. Fir-rigward tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-2019, ir-rikorrenti tikkritika l-intervent tal-evalwatur tal-appell fi stadju prekoċi. Fl-aħħar nett, fir-rigward taż-żewġ rapporti, ir-rikorrenti tinvoka żball fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni għas-sitwazzjoni tagħha tal-Artikolu 2(3)(a) tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni u tal-Artikolu 4 ta' dawn l-istess dispożizzjonijiet.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' imparzjalità u ta' newtralità, il-ksur tad-dmir ta' assistenza u ta' amministrazzjoni tajba, il-ksur tal-Artikolu 21a tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' użu ħażin jew abbuż ta' proċedura.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, inċertezzi materjali li jikkonċernaw il-fatti, allegazzjonijiet abbużivi mhux marbuta mal-fatti oġġettivi u fuq il-ksur tal-kunċett tad-dmir ta' lealtà.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2021 – Mariani *et* vs Il-Parlament**

**(Kawża T-124/21)**

(2021/C 138/68)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Thierry Mariani (Pariġi, Franza) u t-22 rikorrent l-ieħor (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (ĠU 2020, L 437, p. 49) u, b'mod iktar partikolari, l-Artikolu 3(11), l-Artikolu 4(2)(a) u (b), l-Artikolu 5(a)(1), l-Artikolu 7(b)(3a), l-Artikolu 9a(1) sa (4), hekk emendati u miżjuda;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw motiv uniku, ibbażat fuq il-ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-prinċipji ġenerali rrikonoxxuti mill-ġurisprudenza, tal-Protokoll fuq il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew u tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Ir-rikorrenti jikkritikaw l-att ikkontestat minħabba l-fatt li ser jippermetti lill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) aċċess immedjat u mingħajr avviż għal kwalunkwe informazzjoni kif ukoll għall-bini tal-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-assistenti tagħhom, mingħajr mandat ta’ tfittxija minn qorti istruttorja indipendenti, kif inhi r-regola fi kwalunkwe Stat demokratiku.

Ir-rikorrenti jikkritikaw ukoll l-att ikkontestat minħabba li, fil-fehma tagħhom, ser jippermetti lill-OLAF aċċess għall-apparat privat u għal rendikonti u kontijiet tal-bank ta’ Membri tal-Parlament Ewropew u tal-assistenti tagħhom.

Ir-rikorrenti jqisu li tali proċeduri ta’ investigazzjoni jistgħu jinbdew mill-OLAF abbażi ta’ sempliċi denunzja anonima u jibżgħu li l-Membri tal-Parlament Ewropew, speċjalment dawk tal-oppożizzjoni, jistgħu jkunu suġġetti għal pressjonijiet, għal rikatti u għal forom oħra ta’ intimidazzjoni, minħabba sempliċi denunzja anonima, li jista’ jinfluwenza l-attività parlamentari tagħhom.

Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-kontrollur ta’ garanziji proċedurali bl-ebda mod ma huwa korp indipendenti, kif ikun il-każ ta’ qorti istruttorja fir-rigward ta’ investigaturi tal-pulizija kriminali, minħabba li dan il-kontrollur jinħatar u jiddependi finanzjarjament mill-Kummissjoni. Ir-rikorrenti jqisu li tali sistema ma toffri l-ebda garanzija ta’ imparzjalità fir-rigward tal-Membri eletti fl-oppożizzjoni li jistgħu jkunu s-suġġett ta’ investigazzjonijiet tal-OLAF.

Ir-rikorrenti jikkritikaw ukoll l-att ikkontestat minħabba li jikkontesta l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, minħabba li jippermetti lill-OLAF li jkollu aċċess għal informazzjoni li la jikkonċerna lilu u lanqas lill-Parlament jew lil kwalunkwe istituzzjoni Ewropea oħra.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jqisu li l-att ikkontestat jikkontesta l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll fuq il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew, minħabba li r-Regolament ikkontestat jippermetti lill-OLAF li jikser l-immunità tal-Membri tal-Parlament Ewropew mingħajr ma istituzzjoni ġudizzjarja tkun, minn qabel, talbet jew, *a fortiori*, kisbet tneħħija tal-immunità parlamentari tagħhom u mingħajr ma dan jitwettaq *in flagranti delicto*. Skont ir-rikorrenti, ir-Regolament ikkontestat jippermetti lill-OLAF u, konsegwentement, lill-Parlament Ewropew, li l-OLAF jitlob l-approvazzjoni tiegħu, li jevita l-immunità u l-invjolabbiltà tal-Membri tal-Parlament Ewropew sabiex ikollu aċċess għal informazzjoni li altrimenti l-OLAF ma kienx ikollu aċċess għaliha.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta’ Frar 2021 – Hexal vs EMA

**(Kawża T-549/18)** [1]

(2021/C 138/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tmien Awla Estiża ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 436, 3.12.2018.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta’ Frar 2021 – Staciwa vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-511/19)** [1]

(2021/C 138/70)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tas-Seba’ Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 357, 21.10.2019

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2021 – Close u Cegelec vs Il-Parlament**

**(Kawża T-188/20)** ([1])

(2021/C 138/71)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 262, 10.8.2020.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2021 – Colombani vs SEAE**

**(Kawża T-507/20)** ([1])

(2021/C 138/72)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 329, 5.10.2020.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT